# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Numru: 2585

Kaz Nru: 2868/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Veronique Amato Gauci ID 436560M

u

EMD Advisory Services Limited (C27724)

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ); FIPD Illum 5 t'April, 2018**

**Illum 28 ta' Marzu, 2019**

## 1 Sfond Tal-Mixja Tal-Process Tal-Kaz

Fl-4 ta' Jannar 2011 ir-rikorrenti ghamlet ir-rikors.

Il-Kaz beda jinstama' mit-Tribunal. Mis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2013 kien hemm bidla fis-Sedja tat-Tribunal peress illi c-*Chairman* originali ghalaqlu t-terminu tal-hatra. Ic-*Chairman* illi kompla jisma' l-Kaz qata' d-Decizjoni fil-20 ta' Frar 2014 permezz tad-Decizjoni Numru 2272. Id-Decizjoni giet appellata – Appell Civili 6/2014 AE.

Il-Qorti tal-Appell issentenzjat fil-20 ta' Jannar 201**7**[1]. Il-Qorti tal-Appell hassret id-decizjoni tat-Tribunal u baghtet l-atti lura quddiem it-Tribunali.

F'Mejju 2017 is-socjeta` ntimata[2] pprezentat nota biex tissustanzja t-talba taghha ghar-rikuza tac-*Chairman* , li laqa' t-talba.

[1] il-kopja tas-sentenza li c-Chairman prezenti tat-Tribunal inghata turi d-data tas-sentenza bhala dik tal-20 ta' Jannar 201**4**; jidher illi hemm *typo* fis-sena ghaliex id-decizjoni tat-Tribunal kienet ittiehdet fi Frar 201**4**; peress illi kien fid-19 ta' April 2017 illi c-*Chairman* hareg id-digriet, fuq talba ghar-rikuza tieghu, biex is-socjeta` ntimata tipprezenta nota u tissustanzja t-talba ghar-rikuza, x'aktarx illi d-data tas-sentenza tal-Appell kellha tkun il-20 ta' Jannar 201**7**

[2] li se tigi riferuta wkoll bhala EMDASL

F'Awissu 2017 il-kaz ghadda lic-*Chairman* odjern li zamm l-ewwel seduta tieghu dwar dal-Kaz f'Ottubru 2017. Apparti s-seduti li zamm, dac-*Chairman* irrievalwa x-xiehda li nghatat fis-seduti li kienu ppresjeduti mic-*Chairmen* ta' qablu.

2. **Rikors**

Ir-rikorrenti, Ms Veronique Amato Gauci, permezz tal-Avukat Dr Anthony P. Farrugia, li assistiha f'dal-process, ipprezentat rikors fejn esponiet illi, "… t-terminazzjoni mis-socjeta` ntimata ma kenitx ghal raguni valida skond l-Att 2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) u anke kienet bi ksur tal-kuntratt ta' impjieg tal-31 ta' Lulju 2008 …. L-esponenti titlob illi l-kaz taghha jinstema' quddiem … it-Tribunal u jigi trattat u deciz skond il-Ligi."

3. **L-Istqarrijiet Tal-Kaz**

3.1 **Il-Qofol Tal-Istqarrija Tal-Kaz, Tar-Rikorrenti**

"Matul iz-zmien li domt nahdem mas-socjeta` …, inghatajt *bonuses* ta' apprezzament, … kif ukoll zidiet fil-paga f'zewg okkazjonijiet. Ircevejt kumplimenti diversi drabi ghall-efficjenza tieghi fuq ix-xoghol. … kien ikun hemm drabi fejn tinholoq tensjoni minhabba *deadlines* li kelli nosserva, u diversi drabi kien jigri li ma stajtx illahhaq ma' dawn ghaliex kont niddependi minn kollaborazzjoni ta' xi hadd iehor fl-ufficcju, jew … mill-*Partners*. Dwar dan kont esprimejt ruhi xi drabi anki b'certu sahha. Meta gara hekk, qatt ma kien hemm … sentiment ta' disprezz izda … frustrazzjoni dwar dak illi xtaqt illi jsir ghal aktar efficjenza ….

Qatt ma inghatajt *warnings* la bil-fomm u wisq anqas bil-miktub.

… Il- … 11 ta' Ottubru gara kaz … minn fejn stajt nara li wiehed mid-diretturi/*partners* … ma kienx qieghed jikkollabora … u b'hekk kien qed ifixkilni fuq xogholi u jahlili l-hin u dan l-episodju ddisturbani hafna.

Ghaldaqstant il-ghada … l-ahhar gurnata tieghi l-ufficcju, gara li ma kont niflah xejn b'*tension headache/migraine* kbir, u … wara nofs in-nhar, … kelli bzonn nirritorna d-dar ghaliex kienet qabditni n-*nausea* … mal-*migraine*.

Ippruvajt nikkomunika mad-diretturi/*partners* izda … kienu … fl-ufficcju ta' wiehed minnhom … jitkellmu bejniethom. Jien ghamilt sinjal lil wiehed minnhom … illi kont ser nitlaq …. Qabel ma … tlaqt, iltqajt ma' direttur ta' wahda mill-kumpaniji l-ohra li kellhom id-diretturi/*partners* … u ghidtlu biex ighidilhom illi ma kontx niflah u li kont sejra d-dar.

Mort ghand it-tabib kuranti tieghi … dak in-nhar stess u dan ghamilli certifikat li kelli bzonn nistrieh … u … biex nohrog … bhala parti mit-trattament.

L-ghada filghodu bghatt *email* l-ufficcju fejn infurmajthom bl-indispozizzjoni tieghi.

… Dak in-nhar stess … ircevejt ittra *hand delivered*, … li fiha nfurmawni bit-terminazzjoni tal-impjieg tieghi maghhhom."

3.2 **Il-Qofol Tad-Dikjarazzjoni Tal-Kaz Tas-Socjeta' Ntimata**

EMDASL esponiet illi t-tkeccija kienet gustifikata ghaliex l-appellanta, tul is-snin illi damet tahdem mal-kumpanija ntimata kellha storja twila ta' ksur ta' regolamenti fosthom insubordinazzjoni, arroganza sfaccata mad-dirigenti kif ukoll impjegati ohra tal-kumpanija ntimata, inefficjenza u telf ta' hin, zmien ta' assenza mill-post tax-xoghol waqt il-hinijiet tax-xoghol minghajr permess, u abbuz ta' *sick leave*;

hija giet imwissija diversi drabi, dwar is-suespost, pero` naqset milli tbiddel l-attitudni taghha u aktar ma ghadda z-zmien, l-attitudni taghha aktar marret ghall-aghar u regolarment naqset illi tlahhaq il-produzzjoni tal-livell mehtieg u ghalhekk, il-kumpanija ntimata ma kellha l-ebda ghazla ghajr illi ttemm l-impjieg taghha;

barra minn hekk hija dahhlet animosita` kbira fil-post tax-xoghol, u kellha xi tghid ma' kwazi kull impjegat li kellu x'jaqsam mal-kumpanija, li kienu qed ihossuhom intimidati minnha u mqieghda taht pressjoni zejda mhux gustifikata, u ghalhekk kienu qed isibuha difficli li jkomplu jahdmu f'dak l-ambjent.

It-talbiet ta' l-appellanta kienu qed jigu respinti bhala inveritieri u insostenibbli fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez.

4. **Estratti mix-Xiehda Ewlenija**

Peress illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell dwar dal-Kaz kienet ippernjata fuq referenza jew in-nuqqas ta' referenza ghax-xiehda, dan it-Tribunal konxjament ittratta bi prominenza ezawrjenti r-referenza ghax-xiehda fl-atti, kemm dik moghtija fis-seduti preseduti mic-*Chairmen* precedenti kif ukoll dik moghtija waqt is-seduti preseduti mic-*Chairman* odjern.

Ix-xiehda ewlenija tirrivolvi mar-ragunijiet tat-tkeccija li ssemmew fl-ittra tat-tkeccija:

4.1 L-ewwel raguni kienet illi r-rikorrenti, matul ix-xhur ta' qabel it-tkeccija, ghamlet atti ta' insubordinazzjoni diversi drabi. Xiehda ewlenija ta' dil-akkuza:

4.1.1 Dokument PM1 juri erba' *emails* skambjati bejn wiehed mid-Diretturi, Dr Pierre Mifsud, u Ms Amato Gauci, u cioe`:

*(a)* *Email* tat-13 ta' Mejju 2010 minghand Dr Mifsud lir-rikorrenti: "*I'ld rather you finish the insurance schedule instead of wasting time on these things which seem to be keeping you busy*!"

(b) It-twegiba tar-rikorrenti: "*Sorry you feel like that …, however not all around here are privileged with an Atrium car space …!!! I will ask the girls to do it … seeing that Stephen wants me to 'waste' my time debt collecting which I think would take preference over the poxy*

*schedule details of which one could easily view on the policies themselves anyway if any pertaining info is required that fast*!!"

(c) Dr Mifsud: *"I was referring to the Hilton BBQ flyers! Had I wanted the girls to do it, I would have asked them myself thank you! … I would kindly ask you to use your … time at the office better*!"

(d) Ms Amato Gauci: *"… this is the real deal! … If you want the schedule in a hurry … we would need to delegate that to somebody else who has less to do than me. Please be guided accordingly*."

4.1.2 Fl-affidavit taghha, Ms Denitza Dimitrova, li ddikjarat illi bdiet tahdem ma' EMDASL bhala Gaming Consultant fi Frar 2010 (tminn xhur qabel tkecciet ir-rikorrenti) u li kienet taghti xi xoghol lil Ms Amato Gauci, xehdet illi s-socjeta` ntimata riedet tippubblika xi artikli u Denitza talbet lil Ms Amato Gauci biex timpjazzhom taht it-sezzjoni ta' *legal*. Skond Denitza, kien progett illi EMDASL investiet sew fih. Ir-rikorrenti nsistiet mal-*Partner* li kien qed jihu hsieb il-pubblikazzjoni, li l-artikli ma kellhomx jidhru taht *legal*. Il-kwistjoni spiccat biex il-progett sar minn Ms Dimitrova u minhabba f'hekk dis-Sinjura kellha tiddilja mal-edituri hi minflok Ms Amato Gauci.

4.1.3 Ms Valerie Stephenson, fl-affidavit taghha, xehdet illi hija dahlet mal-EMDASL fl-2002 bhala segretarja, dejjem hadmet direttament ma' Ms Amato Gauci u baqghet hemm sal-2010. Hija xehdet illi,"B'mod specjali minn mindu morna fil-post il-gdid …. Ms Amato Gauci kienet izzomm l-i*stationery* fl-ufficcju taghha u kienet taghmel interrogatorju shih kull darba li xi *Partner* jibghatni ghal xi haga u gieli anke qaltli li ma kellhiex xi haga meta fil-fatt kellha."

4.1.4 Fl-affidavit taghha, Ms Vanessa Bonnici xehdet illi hija kienet *Operations Manager* ta' EMDASL u Euris Consult Ltd, dahlet fl-2008, u li, "… Jekk hija (ir-rikorrenti) ma kenitx taqbel mal-ordni illi hija kienet tircievi minghand id-dirigenti taghha, hija ma kenitx taghmel ix-xoghol, u dan nafu ghax kienet tghidli hija stess."

4.1.5 Ms Bonnici semmiet fl-affidavit episodju iehor, u cioe` illi Ms Amato Gauci, "kienet mitluba tordna karozza tal-kiri ghal Dr Debono[3] illi kien ser isiefer pero` hija rrifjutat illi tbiddel il-karozza li kienu tawh minkejja illi huwa staqsiha aktar minn darba … u spiccat biex ma ghamlet xejn, u fl-ahhar Dr Debono talabni biex naghmilha jiena minflok u lanqas domt 5 minuti b'kollox biex naghmilha."

4.1.6 Ms Erika Borg xehdet fl-affidavit taghha li hija bdiet tahdem ma' EMDASL f'Settembru 2009 bhala segretarja fid-Dipartiment immexxi minn Ms Amato Gauci, u li r-rikorrenti kienet

[3] Dr Jeremy Debono kien wiehed mill-Partners u allura superjur tar-rikorrenti; Dr Mifsud xehed (pagna 18 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011) illi kien hu li hareg l-ordni; hawnhekk jidher illi Ms Bonnici attribwiet l-ordni lil Dr Debono minflok lil Dr Mifsud; it-Tribunal iqis illi f'dal-kuntest, zball fl-isem tal-Partner ma jannullax il-validita` tal-affidavit, la l-kaz mhux wiehed kriminali, u anki peress illi s-sustanza tal-incident ma nbidlitx.

tmur hdejha u tghidilha illi kienet thossha li qed tahdem mat-tfal (kienet qed tirreferi ghall-*Partners*) u li minkejja illi hija qatt ma kellha tfal kienet sabithom hemm minflok.

4.1.7 Dr Mifsud xehed illi (pagni 17, u 18 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011), "(Ms Amato Gauci) Spiccat taghmel ta' rasha, l-istruzzjonijiet li ttiha tinjorahom totalment u tibqa' taghmel ta' rasha. Kaz partikolari: parti mix-xoghol ta' Ms Amato Gauci kienet li ticcejzja d-debituri taghna. Dan kien hemm klijent li … kienet taf li huwa klijent tajjeb, allura wiehed irid izomm daqsxejn ingwanti tal-bellus ma' certu klijenti, ghax idealment tigbor il-flus pero` zzomm il-klijent. Dan niftakar li kien cempilli persuna mill-kumpanija ta' dan il-klijent u qalli, "Aghmilli pjacir ghidilha ma ccempilx aktar. … Din x'tahbat?... qabdet tghajjat mar-*receptionist*, hatfet lis-segretarja tieghi, … u hatfet lili." U jiena ghedtlu, "Halli f'idi, inkellimha." U jiena kellimtha, ghedtilha, "Hu pacenzja, dawn tkellimhomx; ha jghadduli c-*cheque* nhar it-Tnejn … Minn hawn 'il quddiem niddilja maghhom jien." Ma tghaddix kwarta. Targa' ccempilli din il-persuna. Qalli, "Isma', hu pacenzja. Ha narga' nghidlek tal-ahhar. … Ghidilha ma ccempilx aktar." Ghedtlu, "Jigifieri ghadni kif ghedtilha, regghet cemplet mill-ewwel 'l hawn?" Qalli, "Iva." Jiena cempiltilha, ghedtilha, "Isma' jiena ma ghedtlikx lil dawn tkellimhomx?" U ma tafx x'taqbad tghidli, "Ghax dawn suppost hallsu hekk." Ghedtilha, "Imma ghedtlek specifikatament lil dawn tkellimhomx aktar." Jigifieri totalment tinjorani u taghmel ta' rasha.

4.2 It-tieni raguni tat-tkeccija kienet illi diversi drabi matul ix-xhur ta' qabel it-tkeccija, ir-rikorrenti ghamlet sinjali psatas lejn superjur taghha. Xhieda ewlenija ta' dil-akkuza:

4.2.1 Meta l-Avukat Nicole Vella, li assistiet lill-EMDSL, saqsiet lil Ms Amato Gauci jekk hija ghamlitx "xi sinjal mhux f'loku dirett lejh (Dr Debono)" hija wiegbet, "Dirett lejh, *no*." Ghall-mistoqsija tac-*Chairman* tat-Tribunal diversament presjedut, "Jigifieri mhux lilu, lil haddiehor dwaru," ir-rikorrenti xehedet illi, "jista' jkun …" (pagna 12 tat-traskrizzjoni tat-2 ta' Frar 2011). Il-kuntest hawnhekk kien rigward *email* mibghut minn Dr Debono (AFF. 28) nhar il-11 ta' Ottubru 2010 li ghall-ewwel ma nkludiex lil Ms Amato Gauci fic-cirkolazzjoni.

4.2.2 Is-Sur Malcolm Pace Debono, li xehed illi gie mpjegat mal-EMDASL fl-2009 (circa sena qabel ma tkecciet ir-rikorrenti) bhala *Human Resource Manager* (imbaghad, skond ix-xiehda li ta fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2011, sar Direttur) xehed illi huwa ra lil Ms Amato Gauci taghmel sinjal pastaz lejn Dr Debono. (pagni 9, u 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2011).

4.2.3 Fix-xiehda tieghu Dr Italo Ellul, Direttur, stqarr illi, "… darba minnhom mort nghidilha, "Bongu," u bdiet taghmel sinjali b'subghajha kontra Direttur iehor (il-*Partner* tieghi Jeremy Debono), "ghaliex dak jekk irid jaghmilhom hu, imur 'l hemm u 'l hawn", b'subghajha, hafna mossi u affarijiet. (pagna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2011)

4.2.4 Is-Sur Stephen Balzan, Direttur, xehed illi, " … f'zewg okkazjonijiet differenti giet quddiemi, ghamlet mossa oxxena billi uriet is-seba tan-nofs quddiemi fil-konfront ta' *Partner*

tieghi, … Dr Jeremy Debono …. (pagna 6 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Settembru 2011)

4.2.5 Ghall- mistoqsija tal-Avv. Vella jekk min-naha tar-rikorrenti kienx hemm disrispett lejn l-*employers* taghha bhal per ezempju sinjali psataz u kliem pastaz Ms Amato Gauci wiegbet illi ma ftakritx … "*I know* li kont irrabjata hafna … *I was very upset* …." (pagni 12, u 13 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2012)

4.3 It-tielet raguni ghat-tkeccija kienet illi fix-xhur ta' qabel it-tkeccija r-rikorrenti naqset milli taqdi d-doveri taghha u ma accettatx korrezzjoni. Xhieda ewlenija ta' dil-akkuza:

4.3.1 Fl-affidavit taghha Ms Dimitrova stqarret illi, "*Towards the end of her employment …Veronique was … not coping with her work anymore. She … took forever and a day to do what she had to do but in the last weeks of her employment things had become impossible. … She used to sit and cry in her office for hours on end, locking herself in there, when people needed constant access to her office as she had all the stationery of the office kept there under lock and key. … So towards the end of her employment, although she was there physically she was not there at all.*"

4.3.2 Ms Bonnici fl-affidavit taghha: "Fl-ahhar 3 xhur … Veronique marret mill-hazin ghall-aghar. … Ma kenitx qed taghmel xogholha. … Bdiet tihu kollox b'mod personali u kien impossibbli ghall-*partners* li jiftehmu maghha fuq bicca xoghol. … Fl-ahhar granet Dr Debono … beda jghaddi x-xoghol lili ghax ix-xoghol ried isir u hija … kienet … tiggieled mieghu minflok taghmel dak illi kellha taghmel.… Kienet taghmel biss dak li dehrilha illi trid taghmel hi …." U, "… fl-ahhar xhur hafna mix-xoghol illi suppost kienet qed taghmel … kien jispicca fuq id-*desk* tieghi ghaliex … kienet qed tirrifjuta li taghmlu jew tihu tant zmien biex taghmlu li kien sar impossibbli ghal min kien inkarigat minn xi bicca xoghol biex jistenna illi hija taghmlu. Dan kien jigri … specjalment fl-ahhar gimghat u kienu l-*Partners* u d-Diretturi kollha li kienu qed iqabbduni naghmel xoghol illi ma kienx kompitu tieghi illi naghmlu."

4.3.3 Dr Mifsud xehed illi, "Ir-relazzjoni tieghi ma' Veronique kienet wahda fejn … kelli problemi nahdem maghha ghax meta naghtiha bicca xoghol jew tkun trid taghmilha kif trid hi u meta trid hi jew inkella kienet tghidli … , 'Jekk trid qabbad lil haddiehor.' … Spiccat taghmel ta' rasha, l-istruzzjonijiet li taghtiha tinjorahom totalment u tibqa' taghmel ta' rasha." (pagni 6, u 17 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011)

4.3.4 "(Fl-ahhar gimghat) hi kien qed ikollha *mood swings* regolari, illi … spiccajna f'sitwazzjoni fejn ma seta' jkellimha hadd ghax taqbad tinnervja jew tghajjat jew tibki, skond il-burdata li qieghda fiha, u … x-xoghol taghha … kien qieghed jigi affettwat minhabba din is-sitwazzjoni." (Dr Mifsud - pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011)

4.3.5 Is-Sur Balzan xehed illi, "Ms Amato Gauci fl-ahhar tlieta, erba' xhur mohhha ma kienx hemm. … Naghti ezempju tas-*supplier* tal-*photocopier* taghna. … Dan gie qalli, '… Qalet li ghandha l-hsara fil-*photocopier*.' Din nista' nikkonfermaha ghax rajtha jien, meta mbaghad

l-i*switch* kien mitfi, ma kellha xejn il-*photocopier*." (pagni 4, u 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Settembru 2011)

4.3.6 "L-ahhar tlieta, erba' xhur … kienet tkun f'sitwazzjoni li m'hijiex tajba ghal fuq ix-xoghol. Ix-xoghol taghha kien … li inti trid tkun koncentrata f'xogholok, trid tiddilja ma' klijenti, … ma' *suppliers*, u trid tkun mohhok hemm. … Kien iktar mohha fil-qattus li harbilha l-ahhar ftit xhur, u x-xoghol ma kenitx qed taghtih il-prijorita` li kellha taghtih …." (Is-Sur Balzan pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Settembru 2011)

4.3.7 "… Darba ghamilna *barbeque*. Kienet qed tihu hsieb torganizzah hi. … Ghednilha, '… Gib min ser jihu nbid …. Min irid *drinks* ohra … jhallashom hu.' Kien hemm wahda … talbitha luminata. Kien ikun ahjar li kieku xtratilha kaxxa milli l-hin li hliet tipprova tipperswadiha li le bilfors inbid. … U l-*email* li baghtitilha … li probabbli hliet xi ghoxrin minuta tiktibha. … Il-hin li kienet tahli kien … inkredibbli, fuq affarijiet li ma ghandhomx x'jaqsmu mal-ufficcju. …" (Is-Sur Balzan - pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Settembru 2011)

4.3.8 "Kuljum jinhela hafna hin biex jipprova jew jikkoregiha jew nimmotivaw nergghu lin-nies li kienu ma setghux jahdmu maghha." (Is-Sur Pace Debono) pagna 13 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2011)

4.4 Ir-raba' raguni tat-tkeccija kienet illi fix-xhur ta' qabel it-tkeccija r-rikorrenti ma gabitx ruhha b'mod professjonali.

4.4.1 Is-Sur Pace Debono xehed illi, "Kien hemm … granet fejn jiena kwazi kont ninkwieta li anke *her* (Ms Amato Gauci's) *health was being affected.* … Kienet tibki regolarment, kienet tkun *agitated*, tirrabja. (pagna 15 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2011)

4.4.2 "… (Ir-rikorrenti) ma setghetx izzomm it-telefon f'idejha, … tant … li … xtrat *headset*, *headphones* ma' widnejha, u dan jiswa €233 plus VAT. Meta approwcjajniha sabiex tipprovdi evidenza ta' min taha l-awtorizzazzjoni tixtrih, ma tatni xejn. … qatt ma wzatu, ghadu gol-kaxxa s'issa". (xiehda tas-Sur Balzan f'pagna 11 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Settembru 2011)

4.4.3 Ms Bonnici xehdet b'affidavit, "(Ms Amato Gauci) ma ghandha l-ebda rispett ghall-fatt illi f'ufficcju ta' madwar 20 impjegat jista' jkun illi hemm affarijiet illi jiehdu prijorita` fuq dak illi trid hi."

4.5 Il-hames raguni tat-tkeccija kienet illi fix-xhur ta' qabel it-tkeccija r-rikorrenti ma zammitx relazzjoni armonjuza mas-superjuri taghha, mal-impjegati, u ma whud mill-klijenti w mill-fornituri tas-socjeta` ntimata.

4.5.1 Ms Amato Gauci hasset illi kien hemm *conspiracy* kontriha qrib id-data tat-tkeccija taghha. Bhala ezempju semmiet (pagni 8, u 11 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011) illi peress illi hija kienet izzomm ir-*records* tas-*sick leave* saqsiet lill-*partners* kollha ta' EMDASL jekk kellhomx taghrif dwar impjegata li ma rrapurtatx ghax-xoghol. Wiehed mill-*Partners*, fit-

twegiba tieghu, ma nkludiex lir-rikorrenti fic-cirkolazzjoni. Ms Amato Gauci xehdet illi kienet, "*very upset*, wegghatni hafna, iddisturbatni hafna." Imma mbaghad ammettiet illi l-istess *Partner forwarded* kopja lir-rikorrenti. Mhux biss izda Dok. Aff 28 juri li l-istess Partner talabha skuza, "*Sry. Forgot to copy you in*." U hi kienet wegbitu permezz ta' *email, "OK. No worries and thank you*." "Jiena b'hekk bdejt nara li xi hadd qed ifixkilni minn xoghli u kien hemm *conspiracy* kontrija dak iz-zmien." Hija kompliet tixhed illi r-reazzjoni taghha ghal dan l-incident kien illi, "Kont taht *stress* hafna u tensjoni u kelli *migraine*, ma nafx ezatt x'ghamilt imma ma kontx *happy* xejn. … Ma nistax niftakar ezatt (jekk ghajjattx u ghamiltx xenati fl-ufficcju quddiem kulhadd fuq is-superjuri tieghi), jista' jkun, jista' jkun, *I was angry*."

4.5.2 "L-attitudni tieghi qatt ma kien jintoghgob meta specjalment kienu jippreferu li jiena nilghabha tal-injoranta u ma nesprimix ruhi meta … *my intelligence is being insulted*. (pagna 22 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011)

4.5.3 Is-Sur Pace Debono xehed illi, "*She was finding it difficult to work with the five partners. That was the main issue that she had.*"(pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2011)

4.5.4 Ms Dimitrova xehdet illi r-rikorrenti kienet tghaddi kummenti fuq is-superjuri taghha ma' kulhadd u kienet tikkritikahom. Mill-ufficcju taghha setghet tara kif ir-rikorrenti kienet titratta lill-impjegati.

4.5.5 Ms Bonnici xehdet fl-affidavit taghha illi, " Jiena kont nismaghha (lil Ms Amato Gauci) tkellem lil Dr … Debono, … b'mod ferm dispreggjattiv u anki pastaz, qisha qed tkellem tifel."

4.5.6 Fix-xiehda tieghu Dr Ellul qal illi, "… (Ms Amato Gauci) kienet tkellem lil anke d-Diretturi l-ohra, darba minnhom b'mod partikolari lil Pierre Mifsud, b'certa ton u b'certa arroganza. Smajtu jiena ghax kont fil-kuritur, u kif smajtu jiena, dawn kienu jisimghu l-impjegati l-ohra li kien hemm madwarha." (pagna 6 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2001)

4.5.7 Kienet … tikteb lil xi *Partner* iehor tieghi u kien jikkopja lilna jghidilna speci ara kif qed tkellimni din. Imbaghad kien hemm istanza fejn speci ta' ghedtlu, 'Isma' jiena ma naccettax illli tkellmek b'dan it-ton, kellimha speci ta' ….' " (pagna 12 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2001)

4.5.8 Dr Debono xehed illi, "…… lejn l-ahhar tal-impjieg taghha l-attitudni anke fil-konfront taghna, tad-diretturi, kienet spiccat …." ( pagni 19 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011)

4.5.9 Dr Ellul xehed illi, "… nistaqsiha, nitlobha xi haga jew hekk, … tirrispondi b'ton arroganti." (pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2001)

4.5.10 Is-Sur Pace Debono xehed illi, "… l-ewwel esperjenza li kelli mas-Sinjurina kien fuq xoghol dirett, fejn kellna nahdmu wkoll id f'id fuq certu *procedure* li konna qed nimplimentaw internament. Ghalkemm jien ma kontx nafha dak iz-zmien … l-impressjoni tieghi li kienet

bniedma difficli biex tahdem maghha. Kienet *demanding* hafna, u l-*approach* taghha kien negattiv. Kienet tghajjat (mal-impjegati li kienu jahdmu maghha) *to the extent* li kienu jispiccaw jibku, … ma ridux jahdmu maghha *on a daily basis*. … (In-nies illi kienu jahdmu maghha) kienu segretarji … kienu ghadhom zghar, jigifieri dawn trid tizvilupphom. … Kelli zewg kazi (minn) erba' segretarji. Annabelle Xuereb u Tara Sargent (kellhom problema maghha). Kien hemm ohrajn f'dipartimenti differenti li kienu jiddejqu. Gew ikellmuni Vanessa Bonnici, u Jude Stivala. (pagni 2 sa 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2011)

4.5.11 Semmiet zewg kazi fejn Ms Amato Gauci kienet twagga' b'ilsienha lil membri tal-istaff u dan fil-prezenza ta' impjegati ohra. Kien hemm impjegati li kienu jinfaqghu jibku. Xehdet ukoll illi r-rikorrenti kienet thalli l-bieb tal-ufficcju miftuh u Ms Dimitrova kienet issibha difficli biex tikkoncentra peress illi r-rikorrenti kienet titkellem b'lehen gholi biex taghmel it-telefonati; Ms Amato Gauci kienet tirrifjuta li tuza l-*handset*.

4.5.12 "Fl-ahhar gimghat tal-impjieg Ms Amato Gauci kienet toqghod bilqieghda tibki bl-ufficcju taghha msakkar ghal sighat shah u dan minkejja li l-i*stationery* kien fl-ufficcju taghha. … Spiccajna biex jew inkunu msejha mill-*Partners* peress illi r-rikorrenti tkun ghamlet xi rapport fuqna jew ahna mmorru ghand il-*Partners* biex noggezzjonaw dwarha. Is-sitwazzjoni saret impossibbli." – Ms Dimitrova.

4.5.13 Ms Stephenson, fl-affidavit taghha, xehdet illi r-rikorrenti kienet titrattaha bhala segretarja taghha u mhux tas-socjeta` ntimata. "Kienet toqghod taghtini x-xoghol li suppost kellha taghmel hi u jekk ma naghmlux dak il-hin ghax nghidilha li rrid naghmel ix-xoghol tal-*Partners* l-ewwel, kienet tihu ghaliha u taghmel xenata. … Kienet qed taghmilli hajti mizerja u kont qed niddejjaq nidhol ghax-xoghol minhabba fiha. Kienet tigi u toqghod tghidli kontra n-nies ta' l-ufficcju …. Kien hemm min anki kien irrifjuta li jkellimha aktar, specjalment id-dipartiment tal-*Accounts.*"

4.5.14 Permezz tal-affidavit taghha, Ms Pamela Scott xehdet illi hija dahlet mal-EMDASL fl-2009 bhala segretarja u kienet tahdem fid-dipartiment immexxi mir-rikorrenti. "Kien hemm granet meta (Ms Amato Gauci) kienet tibda tibki u tghajjat ma' kulhadd. L-impjegati kollha kienu jhallu l-affarijiet mieghi jew xi segretarja ohra biex zgur ma jkollhomx ghalfejn ikellmuha."

4.5.15 Ms Bonnici xehdet illi, "…. Darba jiena staqsejtha x'kienet il-problema (li tissakkar fl-ufficcju taghha ghal sighat kull darba u tibki u tirrifjuta li titkellem ma' hadd) u jekk stajtx inkun ta' ghajnuna ghaliha; u hi kienet injoratni u sabbtitli l-bieb f'wicci."

4.5.16 Dr Ellul xehed ukoll illi, "…. (Lill-impjegati) ma kenitx tittratthom ta' kollegi – quddiemi. It-ton kien zbaljat. … kien ikun hemm hafna *sulking …".* (pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2001)

4.5.17 Dr Mifsud fix-xiehda tieghu, stqarr illi, "… Kellna problemi kbar bl-impjegati taghna. Xi whud minnhom kienu ilhom zmien maghna, fejn dawn kienu jghidulna li qed jiddejqu jigu ghax-xoghol ta' kuljum minhabba l-*bullying* u l-aggressivita` eccessiva taghha fil-konfront taghhom. Dawn in-nies anke jekk ghamlu zball, l-attitudni taghha kienet kompletament zbaljata, … sahansitra jiena darba minnhom … sibt ir-*receptionist* qed tibki. Issa r-*receptionist* hija l-ewwel persuna li qieghda l-ufficcju kif jidhol klijent. … Ghidtilha, "X'gara?" Qaltli, "Imbaghad inkellmek …." Insir naf illi tatha tghajjira u kienet aggressiva hafna maghha Ms Amato Gauci." (pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011)

4.5.18 Dr Debono xehed illi, "Kien hemm hafna li gew igergru mieghi – Pamela Scott, Tara Sargent, Ruth Attard, Vanessa Bonnici, Denitza Dimitrova, Erica Cauchi, Cloris Portelli, Audrey Garcia Gili. (L-ilment) kienu kwazi kollha l-istess – li din kienet titrattahom jigifieri litteralment ta' twapet. Tghajjat maghhom, tissuppervja maghhom. (pagni 15, u 16 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011)

4.5.19 Dr Mifsud xehed (pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011) illi, "certu xoghol konna qed nispiccaw naghmluh ahna ghaliex ovvjament dawn tant kienu demotivati, tant kienet xi haga rikorrenti li mhux tghid grat darba, darbtejn, kienet xi haga ta' kuljum. Din kienet … tqatta' nofs-il-gurnata timxi mal-kurituri bil-*mug* f'idejha tal-kafe`, tara s-siggu hux dritt, tara dik hux wieqfa dritta fuq is-siggu. Hekk kienet tqattaghha l-gurnata. Rajtha jiena …. "

4.5.20 Is-Sur Balzan, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2011, xehed illi Ms Amato Gauci, "… Holqot tensjoni kbira fl-ufficcju. Annabelle Xuereb, Tada Sargent, Erica Borg, Pam Scott, Valerie Stephenson, Audrey Garcia Gili, Charlene Balzan – dawn kollha gew jibku quddiemi jghiduli li jew ghajtet maghhom jew kisrithom quddiem in-nies; John Muscat, Leo – jigifieri dawn huma nies li kollha lili personalment gew ikellmuni, ighiduli, hafna minnhom jibku … u jghiduli qaltilna hekk, hekk, u hekk." (pagna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta)

4.5.21 Dr Mifsud xehed illi, ".… Kellna wkoll problemi ma' klijenti, fejn jiena kont inqabbadha bicca xoghol jew id-Diretturi shabi kienu jqabbduha bicca xoghol u l-klijent icemplilna, "Hudu pacenzja imma ma rridux li din il-persuna tiddilja maghna," ghax bazikament ma setghux jahdmu maghha; … il-klijenti kellmu lili direttament. (Bhal) Frank Salt Real Estate. … kien hemm certu effett psikologiku fuq l-impjegati li din tara kif taghmel biex tattanhom u tkissrilhom il-karattru taghhom. (pagni 3, 4, 5, 10, u 11 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011)

4.5.22 Ms Bonnici xehdet illi l-attitudni taghha (tar-rikorrenti) tant kienet saret impossibbli li anki mpjegati ta' kumpaniji ohra bhal Repro, SeaBank, u Frank Salt ma ridux ikollhom x'jaqsmu maghha.

4.5.23 Dr Mifsud xehed illi, " … Kellna problema … fejn jiena qabbadt impjegata biex taghmel ix-xoghol (ta' mal-klijenti)." (pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011);

4.5.24 Ms Scott tkompli fl-affidavit taghha, "Anki nies illi kienu jigu bid-*deliveries* kienu jghidulna biex ma ninvolvuhiex ghax kienet taghmlilhom hajjithom mizerja. Darba gie xi hadd b'*delivery* u kien mghobbi hafna. Hija baqghet issaqsieh hafna domandi fuq id-*delivery* qabel hallietu jidhol fl-ufficcju, tant illi huwa spicca biex inizzel il-kaxxi li kellu f'idejh, u dan meta hija kienet taf ben tajjeb x'kien hemm fl-ordni ghax kienet hi stess li ghamlitha."

4.5.25 "Lil tal-*IT* ma nafx kemm il-darba gibnihom biex jiccekkjawlha l-… *computer* jekk huwiex *slow* u kull darba jghidli, "Il-*computer* ma fih xejn hazin. Il-*computer* konna appgrejdjajnih, etc, etc. Dejjem b'xi problema." (pagna 16 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011) – Dr Debono

4.5.26 Is-Sur Balzan xehed illi, "Nista' naghti ezempju tas-*supplier* tal-*photocopier* taghna. … Dan gie qalli, 'Ghax darba minnhom hassart appuntament jiena … ' l-appuntament ta' wara hallietu erbghin minuta jistenna fir-*Reception*. (pagna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Settembru 2011)

4.6 Is-sitt raguni tat-tkeccija kienet illi fix-xhur ta' qabel it-tkeccija r-rikorrenti ghamlet xoghol illi ghas-superjuri taghha ma kienx sodisfacenti.

Ix-xiehda kkwotata fil-kuntest tal-hames ragunijiet tat-tkeccija liema ragunijiet issemmew aktar 'il fuq tinkludi testimonjanza ta' xoghol illi ghas-superjuri tar-rikorrenti ma kienx sodisfacenti. Specifikament, 4.1.1 sa 4.1.5, 4.1.7, 4.3.1 sa 4.3.7, 4.4.3, 4.5.13, 4.5.14, 4.5.17, 4.5.21 sa 4.5.24. Tali testimonjanza hija msahha bix-xiehda li tidher f'4.6 kif gej:

4.6.1 Is-Sur Balzan kompla,"… tigi persuna fuqi tibki tghidli, "Ghax hatfitni Veronique … ghax … ridt pakkett karti mill-ufficcju taghha," u hatfitha ghax ma qaltilhiex *please* u *thank you*. … Issa kieku din kienet persuna wahda nghid din qed taghmel ghageb. Imma dan qed nitkellmu fuq tmienja, ghaxra, tnax il-persuna, kollha l-istess. … Wara kull kaz ghandi xi siegha nitkellem ma' Veronique, … siegha ohra … nipperswadi lill-parti l-ohra biex ma toqghodx taghmilhom bi kbar. … Fuq hmerija jiena hlejt saghtejn. Apparti l-hin li hlew jiggieldu bejniethom. … il-mod kif kienet tapprowcjahom (il-problemi) ma kienx proporzjonali. "(pagni 5, u 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Settembru 2011)

4.6.2 Is-Sur Balzan kompla jixhed illi, "Darba minnhom … giet membru ta' staff … tghidli li Veronique staqsietha x'paga ghandha u x'*bonus* ghandha. Ghedtilha, "Int ghedtilha?" Qaltli, "Iva." Meta Veronique taf ben tajjeb li dawn l-affarijiet huma kunfidenzjali bejn l-istaff (hija *policy* taghna). Imma sabet persuna *weak* u marret staqsietha x'paga ghandha u x'*bonus* ghandha, biex tikkompara l-paga taghha ma' ta' haddiehor." (pagna 13 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Settembru 2011)

4.6.3 "Ghaliex ghandi kull darba li naghmel l-icken zball, li nistghu niddiskutuh f'temp ta' zewg minuti, ghandna ghalfejn noqoghdu nghajtu, nghajru lil xulxin, nibku, insemmghu lin-nies? Din kienet tmur tahtafhom ir-*reception*, fejn kien ikun mimli nies, klijenti. Ighidu,

"Hawn x'hawn …, x'tahwid hawn, dan l-ghajjat u storbju kollu, jien ha nigi hawn?" (Is-Sur Balzan, pagna 16 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Settembru 2011)

4.6.4 Dr Ellul xehed illi, "… Sitwazzjoni li kont involut fiha jiena kienet illi xi ftit xhur qabel ma baqghet tahdem maghna, niftakar kien hemm wiehed mid-Diretturi l-ohra ried jibghat lid-*driver* il-*Hilton Hotel* ghax kien hemm klijent u kellu bzonn *A4 envelope.* Issa l-i*stationery* kienet tihu hsiebu hi. Li gara kien din is-segretarja marret titlobha *envelope*, keccietha 'l barra …. Mort jiena ghax staqsejtha (lis-segretarja) x'garalha ghax rajtha meta giet lura kienet ma tafx x'ha taqbad taghmel. Mort jiena barra l-ufficcju ta' Ms Amato Gauci u … nsib zewg *envelopes* mal-art taht il-bieb …. Kienet haga urgenti, kien klijent barrani … ha jsiefer, kellha bzonn nibaghtulu xi dokumenti; … kellna bzonn *envelope* biex inpogguhom fih." (Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2011)

4.6.5 Fl-affidavit taghha Ms Dimitrova stqarret illi, "*on one occasion she* (Ms Amato Gauci) *made a massive scene because I had a file on my desk. I will explain that this goes against office policy as we are not allowed to keep files in our offices, unless we are working on them at the time. She went to the secretaries ... and blamed them for the fact that I had this file. I received a call from a secretary to return it … – something which I could not do because I was working on the said file. I had to go and explain this to a Partner and get his permission to keep the said file. All this cost the office more time than I care to count, and there was no reason at all for it ….*"

4.6.6 Ms Bonnici xehdet fl-affidavit taghha illi, "Problema … li kellha Ms Amato Gauci u li aggravat bit-trapass taz-zmien … kienet illi hija ma kienet prattika xejn. … Kienet tibghat *email* minn hawn sal-Mellieha biex tghid affarijiet illi setghu jintqalu f'linja wahda, u kienet issaqsi mitt mistoqsija fuq kull haga, u ghalhekk bicca xoghol illi kellha tiehu hames minuti fil-verita` kienet tihu s-sighat."

4.7 Is-seba' raguni tat-tkeccija: l-ittra tat-tkeccija tissokta tghid illi bhala konsegwenza tal-agir tar-rikorrenti kif iddikjarat fl-istess ittra s-superjuri ta' Ms Amato Gauci ghamlu ghadd ta' laqghat ta' smigh dixxiplinarju u wissew verbalment lir-rikorrenti li l-agir taghha kien intollerabbli u li xogholha kien jenhtieg illi jsir ferm ahjar; l-ittra tissokta tallega li l-laqghat inkludew dawk tal-bidu ta' Gunju ma' Dr Mifsud, tal-bidu ta' Lulju mas-Sur Balzan, u tal-ahhar ta' Awissu ma' Dr Mifsud u s-Sur Pace Debono; l-ittra tistqarr illi l-laqghat saru kollha fl-2010. EMDASL naturalment qieset illi minkejja dak illi hija kkunsidrat bhala twiddib, Ms Amato Gauci baqghet tadotta agir mhux accettabbli ghas-socjeta`. ("Further to the above …" f'Dok. B)

4.7.1 Is-socjeta` ntimata pprezentat lit-Tribunal Dokument PM2, Dokument SB2, u Dokument iehor minghajr numru jew ittra li jidentifikawh. Dawn it-tlett Dokumenti jiddeskrivu tlett laqghat partikolari, citati fl-ittra tat-tkeccija, li s-socjeta` qieset bhala dixxiplinarji.

4.7.2.1 Ir-rikorrenti xehdet illi, "Jiena *warnings* la verbalment – kien kellna xi diskussjonijiet ovvjament fejn ma qbilniex ghax kellna differenzi ta' opinjonijiet fuq certu affarijiet ta' xoghol

fil-qadi ta' dmirijieti, imma qatt ma ntqal illi kienu *verbal warnings*; ghaldaqstant ma kellix *written warnings*. … Jiena *disciplinary hearings* ma nafx bihom. … Le, ma nafx li kienu *disciplinary hearings* u b'mod formali lanqas, *no*. Naf mill-ittra li qed issejhulhom hekk." (pagna 3, 5, u 16 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011)

4.7.2.2 Pero` xehdet ukoll illi, "Baghtu ghalija biex ighiduli li ghandi *attitude problem* u ghandi hekk u ghandi hekk." (pagna 17 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011) U ghall-mistoqsija tal-Avukatessa Vella, "U x'kien l-*outcome* tal-laqgha?" Ms Amato Gauci xehdet, "Dak ma niftakarx." (pagna 18 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011).

4.7.2.3 Ghall-mistoqsija ta' Dr Vella, "Naqblu li qalulek li ghandek zmien xahar biex tbiddel l-attitudni tieghek mal-istaff u mal-*partners*, inkella se jkollhom jiehdu proceduri kontrik?" Ms Amato Gauci wiegbet, "*That's news. No, sorry, total news, brand new news,* zgur li le. Niftakar li ma ntqalitx ghax kieku niftakarha." U, Dr Vella, "… Kien hemm diskussjoni dwar ir-relazzjoni tieghek mal-impjegati l-ohra u l-*complaints* li huma kellhom fuqek mal-impjegati l-ohra?" Ir-rikorrenti wiegbet, "Jista' jkun li ssemmew …. Ma nghatajtx l-opportunita' li niddefendi ruhi." (pagni 19, 20, u 22 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011)

4.7.3.1 Fl-affidavit taghha tal-25 ta' Settembru 2012 Ms Amato Gauci stqarret illi, "Fl-okkazjoni wahda li naf biha fejn li ntalbet laqgha mieghi fil-31 ta' Awissu, qatt ma ssemma mieghi li kien hemm perikolu li jiena nitkecca, jew li permezz tal-laqgha kont qed ninghata twissija. Qatt ma gew komunikati lili xi minuti dwar laqghat u qatt ma rcevejt komunikazzjonijiet bil-miktub jew b'mod iehor li kont qed ninghata twissija ghall-finijiet tal-kuntratt tax-xoghol tieghi mad-ditta."

4.7.3.2 Fix-xiehda tieghu s-Sur Pace Debono qal illi ghall-ahhar ta' Awissu 2010, lil Ms Amato Gauci, "wiehed mill-*partners* (Dr Mifsud) ried ikellimha u dahhal lili bhala xhud mieghu w bhala HR Manager. Bazikament il-*focus* ta' dak il-*meeting* kien li jew taghmel *drastic change* fil-*behaviour* taghha jew inkella bazikament *she would need to leave the company*. Ir-*reaction* taghha kien ovvjament *to go on the defensive* mill-ewwel. Bdiet tibki u tinnega ovvjament li konna qed nghidulha, qisha dahlet go qoxritha. L-ewwel *reaction* taghha apparti li tibki kienet li tghidilna wkoll isma' jiena ma nistax naghmel xoghli sew; mhux qed jirnexxili; jekk triduni nitlaq, nitlaq." (pagni 11, u 12 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2011)

4.7.4 Dr Ellul xehed illi, "Gieli kellimtha meta ghidtilha t-ton tieghek jew l-attitudni tieghek kemm mal-impjegati u kemm mad-diretturi hemm bzonn ikun differenti. Fil-fatt episodju anke ftit qabel ma telqet kont dhalt fil-kamra taghha u ghedtilha l-affarijiet mhux hekk speci ta', jekk inti tkun nervuza jew xi haga fuq xi haga, mhux hekk l-affarijiet. … ghedtilha anki l-*emails*, it-ton tal-*emails* tieghek specjalment mad-Diretturi; qaltli jekk tara xi haga hekk igbidli l-attenzjoni, speci ta' ibghathieli lura, aghmilli *question marks* jew xi haga hekk fuqha stess …" (pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2011)

4.7.5 Dr Mifsud xehed illi, "Jiena bhala Direttur tal-kumpanija … kellimt lil Ms Amato Gauci diversi drabi fuq l-atteggjament taghha u li jrid jinbidel ghax kellna problema. Kull darba li kellimtha fuqha, *she would go on the defensive*, li prattikament tghidlek, "Jiena miexja tajjeb, il-problema tal-persuni l-ohra." U hawnhekk mhux qed nitkellmu kellha problema ma' persuna wahda, ma' numru sew ta' mpjegati. … *Certu drabi she would go hysterical* u tibda tibki u titlaq lejn il-kamra taghha. … L-attitudni taghha (waqt dawn il-laqghat) dejjem kienet aggressiva u kienet ukoll tinfexx tibki u gieli wkoll gholliet lehinha biex tghid illi ghandha ragun. Apparti minn hekk kien hemm darba minnhom fejn anke waqt il-*meeting* qabdet u telqet 'il barra biex ma tkomplix il-laqgha. … (Wara dawn il-laqghat) is-sitwazzjoni baqghet sejra ghall-aghar sakemm fl-ahhar gara illi kellna nitterminawlha l-impjieg. … Jiena peress illi s-sitwazzjoni kienet qed tmur ghall-aghar, ghedt lill-HR Manager taghna, … li hemm bzonn *meeting* ma' Ms Amato Gauci fejn nispjegawlha s-sitwazzjoni kemm kienet gravi. Kellna din il-laqgha fejn … spjegajnilha … illi ma tistax tibqa' tittratta n-nies kemm jekk huma klijenti, kemm jekk huma staff, kemm jekk huma Diretturi ohra, b'dak il-mod. U l-istess ir-reazzjoni taghha kienet wahda, "Isma' jiena mhux qed nara l-izball tieghi, miexja tajba, u kwazi *unfair* li tkellmuni fuq dawn l-affarijiet. Infexxet tibki niftakar u saret *hysterical* ukoll f'certu punt. Imbaghad qaltli, "Isma' fuq kollox, jiena jekk triduni nitlaq, nitlaq." U jiena ghedtilha, "Aghmel kif thossok." (pagni 7 sa 11 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011)

4.7.6 Fix-xiehda tieghu s-Sur Balzan qal, "… li konna qeghdin nahlu hafna, hafna hin kemm jiena u kemm shabi specjalment jiena, ghax kont nafda hafna sighat twal nitkellem ma' Ms Amato Gauci … biex nipprova nikkonvinciha li 1. Ma tistax taghmel hekk, u 2. Ir-rizultat qed ikun bil-maqlub ta' dak li trid taghmel. U r-reazzjoni taghha kienu … jikkonsistu f'… jew taqbad tixher u tghajjat biex forsi tikkonvincini li ghandi tort jew tikkonvincini li ha nithassarha, u taqbad tghajjat u twerzaq u tibki u … inkunu bqajna fejn konna, jew inkella gieli tghidli, "Iva, ghandek ragun. Ha nipprova nirranga." Tlett ijiem wara nergghu koppi. … Jiena kull darba li jigri xi haga dejjem … ippruvajt nisma' l-verzjoni taghha. … Dejjem kelli t-tama li nirrangaha lil Veronique, li ngibha fejn irrid jiena. Pero` sfortunatament ma rnexxilix, u … jiena dispjacir kbir ghandi li kelli nasal ghal sitwazzjoni bhal dik. … Kien hemm diversi laqghat maghha kemm mieghi wahdi kif ukoll jiena u diretturi jew *partners* ohra, fejn jien lil Veronique kont nghidilha …, '… hu hsieb l-impjieg tieghek.' (pagni 4, 5, 7, u 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Settembru 2011)

4.8 It-tmien raguni tat-tkeccija kienet illi Ms Amato Gauci ghamlet sinjali psataz lil superjur taghha nhar it-8 u 12 ta' Ottubru 2010.

4.8.1 Rigward l-akkuza tat-8 ta' Ottubru 2010:

F'pagna 12 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011 -

L-Avv. Vella ssaqsi lir-rikorrenti: … Il-*Partner* illi kellek problema mieghu dak iz-zmien min kien?

Ms Amato Gauci: … dak in partikolari kien Dr … Debono, ta' dak l-incident tal-*email*.

L-Avv. Vella: Inti ghamilt xi sinjal mhux floku dirett lejh?

Ms Amato Gauci: Dirett lejh *no*.

*Chairman*: Jigifieri mhux lilu, lil haddiehor dwaru.

Ms Amato Gauci: Jista' jkun *yes, I was very angry*, jista' jkun."

4.8.2 Rigward l-akkuza ta' sinjal/i pastaz/psataz fit-12 ta' Ottubru 2010: fix-xiehda tieghu tas-seduta tas-26 ta' Settembru 2011 is-Sur Balzan qal illi, "(Fl-ahhar gurnata ta' l-impjieg tar-rikorrenti[4]) kont qieghed f'kamra ohra f'ufficcju iehor. Kelli *meeting* ma … Dr … Debono. U f'hin minnhom smajt kommozzjoni kbira. Rajt lil Veronique taghmel mossa b'idejha. Ma stajtx nifhem … x'mossa kienet. … Lestejt mill-*meeting*, hrigt barra, u gejt infurmat illi … dik il-mossa kienet tfisser li ha titlaq …." (pagna 2 tat-traskrizzjoni)

4.9 Id-disa' raguni tat-tkeccija kienet illi lejlet it-tkeccija r-rikorrenti ghamlet att ta' insubordinazzjoni billi telqet mill-ufficcju minghajr ma gharrfet lis-superjuri taghha.

4.9.1 L-HR Manager tas-socjeta`, is-Sur Pace Debono, xehed illi, "L-ahhar gurnata (tal-impjieg ta' Ms Amato Gauci) kont fl-ufficcju tieghi … giet ghandi, *a split second though, "I'm off. I'm leaving*," … qaltli. Ma kellix cans … nirrispondiha. Ma nistax naghtiha l-permess biex titlaq. … Irrid nirreferi dejjem ghall-*partners*." (pagna 14 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2011)

4.9.2 Dr Ellul xehed illi, "Imbaghad l-ahhar gurnata meta telqet … konna f'kamra ta' Direttur, u ghandna bieb tal-hgieg, konna jiena, Jeremy Debono, … Stephen Balzan …, konna qed nitkellmu. F' daqqa wahda din minn wara l-hgiega bdiet taghmel … mossi … fejn tidher qed tibki u telqet 'l hemm … (pagna 13 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2011)

4.9.3 Dr Mifsud xehed illi, "Hin minnhom qeghdin nitkellmu jiena u zewg Diretturi fl-ufficcju tieghi. Il-bibien taghna tal-hgieg. … Ghaddiet minn quddiem il-bieb, tbaxxiet, ghamlet xi mossa b'idejha ... u … osfrot. La nafu fejn marret, la nafu kif, la nafu x'fatta. U … l-ufficcju mitfi, cempilnilha, u qaltilna telqet lejn id-dar. Telqet lejn id-dar bla qalet lil hadd." (pagna 21 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2011)

4.9.4 Is-Sur Balzan xehed illi, "(L-ahhar gurnata ta' l-impjieg ta' Ms Amato Gauci) … gejt infurmat illi Veronique … kienet … telqet….U ddecidejna l-ghada li telqet minghajr ma talbet permess, li nitterminawlha l-impjieg taghha. … Ma talbet permess lil hadd, qalet li sejra, differenti minn talbet permess, u qalet lill-persuna zbaljata. Assolutament, hi taf ben tajjeb illi jekk trid titlaq b'permess, bhalma ghamlet dejjem kull meta kien hemm bzonn titlaq qabel

[4] Fil-fatt, it-12 ta' Ottubru 2010 kienet lejlet l-ahhar jum ta' impjieg tar-rikorrenti. Dil-imprecizazzjoni ma tnaqqas xejn mis-sustanza tat-testimonjanza.

minhabba *physiotherapy* u hafna affarijiet ohra, taf ben tajjeb illi tistaqsi lil wiehed mill-*Partners*." (pagni 2, u 17 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Settembru 2011)

4.9.5 Dr Debono xehed illi, "(L-ahhar gurnata tax-xoghol ta' Ms Amato Gauci) … din dehrilha li kellha taqbad u titlaq lejn id-dar. Din … setghet marret anke l-HR, li dak iz-zmien kien jihu hsieb *sick leave* u affarijiet bhal dawn, u tghidlu isma' jiena ma niflahx, ha jkolli mmur id-dar." (pagni 4 w 17 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-30 ta' Novembru 2011)

4.9.6 Ir-rikorrenti kkonfermat illi (a) f'Gunju 2010 hija telqet mix-xoghol minghajr il-kunsens tal-*Partners*, (b) kienet qalghet canfira, u (c) talbet skuza. (pagna 9 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2012)

5. **Kunsiderazzjonijiet illi ghamel it-Tribunal odjern**

5.1 <u>It-tkeccija kienet wahda sommarja</u>.

Il-kuntratt tal-impjieg (Dok. A), fil-klawsola 10.1 ighid illi, "*… this Agreement shall be subject to termination by EMD (a) by summary notice, should it result that any information … given by the Employee in relation to her application for employment prove to be incorrect …; or (b) by summary notice if the employee shall have committed any serious breach of the obligations she has agreed to fulfil under this Agreement, including in those cases where dismissal is provided for under the other Articles of this Agreement or 10 (c) by summary notice if the employee shall have repeated or continued (after one written warning) any breach of the obligations she has agreed to fulfil under this Agreement and which breach does not fall under paragraph (b) above of this sub-Article, or shall have behaved in such a manner so as to bring herself, EMD or any Associated Person or her post hereunder into disrepute or shall have committed an act of bankruptcy*."

It-Tribunal jikkonstata li b'riferenza ghall-klawsola suddetta: 10.1 (a) ma tapplikax peress illi l-akkuzi li dwarhom is-socjeta` temmet l-impjieg ma jaqghux that dan is-subinciz; 10 (b) ma tapplikax lanqas peress illi l-ebda wahda mill-offizi li ghamlet Ms Amato Gauci ma kienet, fiha nnifisha u wahedha, "serious breach" li tiggustifika tkeccija; lanqas ma tapplika 10 (c) u dana peress illi la qatt ma nhareg *written warning* lil Ms Amato Gauci u lanqas ma rrikorrenti ma nehhiet jew xellfet ir-reputazzjoni tas-socjeta` ntimata.

Hawnhekk it-Tribunal jinsisti li anki f'kazi ta' tkeccija sommarja, l-impjegat ghandu jinghata opportunita` li jesponi tempestivament il-verzjoni tieghu tal-fatti u dan, fuq talba tal-impjegat, fil-prezenza ta' persuna tal-fiducja tieghu.

5.2 Wara li stabilixxa li t-tkeccija ma kellhiex tkun wahda sommarja, it-Tribunal ghadda biex fela r-ragunijiet ghat-tkeccija; u, mill-banda l-ohra, jekk l-imgieba ta' Ms Amato Gauci kkontribwietx ghat-tkeccija, u jekk iva, x'livell ta' gravita` kien tali kontribut.

5.3 <u>Ir-ragunijiet tat-tkeccija</u>

Skond l-ittra tat-terminazzjoni r-ragunijiet tat-tkeccija kienu li fix-xhur ta' qabel it-tkeccija s-socjeta` sabet lir-rikorrenti hatja ta':

5.3.1 insubordinazzjoni;

dil-akkuza giet ippruvata ampjament mis-socjeta`minn 4.1.1 sa 4.1.7; l-istruzzjonijiet msemmija fix-xiehda bl-ebda mod ma kisru xi etika jew ligi. Ix-xiehda f'4.1.1 turi l-klima li kien hemm fir-relazzjoni tar-rikorrenti mal-*employer* taghha fl-ahhar hames xhur tal-impjieg. U t-ton li bih irrifjutat kwazi jgieghel lit-Tribunal jahseb li r-rikorrenti kienet is-superjura ta' Dr Mifsud! Ghat-Tribunal dan huwa komportament inaccettabbli. Ms Amato Gauci ma setghetx jew ma riditx tifhem illi l-prerogattiva biex jigu stabbiliti l-prijoritajiet ta' fuq ix-xoghol hija ta' min ihaddem u mhux tal-impjegat.

Ix-xiehda moghtija turi diversi forom ta' insubordinazzjoni u sahansitra, f'4.1.7, ta' sfida minn Ms Amato Gauci lil superjur taghha.

Minbarra li fiha nnifisha l-insubordinazzjoni, jekk tkun gravi bizzejjed, jew jekk tkun anqas gravi pero` sufficjentement ripetuta, tikkostitwixxi raguni tajba w sufficjenti ghal tkeccija, fil-kaz odjern hija stipulata fi klawsola 3a tal-kuntratt tal-impjieg ta' Ms Amato Gauci – "*The Employee shall carry out all such duties and shall observe such lawful directives and restrictions as EMD or their delegates may from time to time confer or impose upon her*." Jigifieri r-rikorrenti kisret il-kuntratt tal-impjieg.

5.3.2 sinjali psataz verso s-superjuri;

Dil-akkuza giet ippruvata mis-socjeta` sufficjentement kif jidher minn f'4.2.1 sa 4.2.5. It-twegiba li tat fit-testimonjanza li tidher f'4.2.1 ir-rikorrenti kienet evaziva. Madankollu ma cahditx. Kif ma cahditx lanqas f'4.2.5.

L-Avukat Anthony Farrugia, li assista lir-rikorrenti, issottometta li, "… persuna forsi tizbalja, forsi tghajjat, tikkrolla, forsi jkollha inqas kontroll fuq is-sentimenti taghha, fuq l-imgieba taghha u minflok taht ic-cirkostanzi normali tghid, 'Xebbghuni', tuza aktar kelma elokwenti bil-Malti forsi; imma dak huwa aspett uman." (pagna 26 tat-Trattazzjoni Finali) Din mhix cahda tal-akkuza ta' agir pastaz min-naha tar-rikorrenti, izda hija skuza ta' komportament illi t-Tribunal ma jiggustifikax. It-Tribunal jifhem illi f'mument ta' emozzjoni ta' darba, l-impjegat tohroglu espressjoni li ma jiflahx jikkontrolla, izda l-kaz tar-rikorrenti ma kienx ta' darba izda kien jaghmel parti minn *pattern* ta' kondotta li mhix in linea mal-pozizzjoni li kienet tokkupa Ms Amato Gauci.

Ir-rikorrenti stess stqarret illi sinjali psataz intizi lejn superjur jikkostitwixxu att serjissmu li jimmerita tkeccija mill-impjieg. "Jien nimmagina jekk ghamilt xi sinjali hekk, kienu jkeccuni *there and then*, mhux hekk?" (pagna 15 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2012)

5.3.3 rifjut ta' qadi ta' dmirijiet;

Ix-xiehda rigward l-insubordinazzjoni tapplika egwalment ghal dil-akkuza. Tali xiehda hija msahha b'dik illi tidher minn 4.3.1 sa 4.3.7.

Fl-affidavit taghha tal-25 ta' Settembru 2012 ir-rikorrenti ddikjarat illi, "Jiena dejjem ghamilt hilti kollha sabiex naqdi dmiri, u sakemm beda jinqala' l-inkwiet xi tlett xhur qabel ma tkeccejt, ma nafx li xi hadd qatt kellu okkazjoni ghalfejn jilmenta mix-xoghol tieghi ...." Din hi ammissjoni ta' Ms Amato Gauci li fl-ahhar xhur tal-impjieg taghha kien hemm problemi fuq ix-xoghol li taw l-okkazjoni ghas-superjuri taghha li jilmentaw mix-xoghol taghha. Skond l-ittra tat-tkeccija l-akkuza ta' rifjut ta' qadi ta' dmirijiet tittratta dwar l-ahhar xhur tal-impjieg.

L-Avv. Farrugia, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, allega li, "Lejn l-ahhar xhur *ossia* anke gimghat tal-impjieg taghha, l-esponenti kienet qed tbati minn *stress* qawwi. Il-kawza ta' tensjoni kienet li kienet qed taqa' lura fix-xoghol minhabba diffikultajiet u attitudni kontrarja tant illi kienet qed taqa' lura fix-xoghol peress illi d-Diretturi kienu jdumu biex ituha l-informazzjoni li jkollha bzonn biex tahdem. Tant kien hekk illi bdiet tissuspetta li dan kien qed isir apposta; fil-fatt uzat il-kelma 'komplott'". Din tikkonferma l-asserzjoni tas-socjeta` ntimata li l-attitudni tar-rikorrenti kienet illi t-tort huwa dejjem ta' haddiehor. Huwa normali li jkun hemm *time lags* fuq l-andament tax-xoghol li jikkawza frustrazzjoni; izda l-punt kollu hu ta' kif tkun gestita l-frustrazzjoni u kif tittakilja lil min ikun qed jikkawza t-*time lags*. Ir-rikorrenti ma setghetx tifhem illi kienet hi li kienet qed taghti servizz lis-socjeta` ntimata u mhux is-socjeta` lilha.

Klawsola 3c tal-kuntratt tal-impjieg jistipula li, "The Employee shall … faithfully, responsibly, efficiently and diligently perform such duties consistent with the post to which she is appointed, as may from time to time be assigned to or vested in her." Mhux ghax hemm il-htiega li klawsola bhal din tkun miktuba fil-kuntratt tal-impjieg; tali klawsola hija mplikata fl-iskop innat tal-impjieg innifsu u allura anke kieku tali klawsola ma kenitx fil-kuntratt tal-impjieg xorta wahda r-rikorrenti kienet tkun mistennija li tezegwixxi mill-ahjar illi tista' d-doveri li ghalihom kienet impjegata w li taghhom kienet qed tithallas u li jekk tonqos minn tali ezekuzzjoni tkun qeghda tkisser ir-relazzjoni kontrattwali.

Izda l-fatt illi l-kuntratt jesprimiha espressament taghmel in-nuqqas ta' ezekuzzjoni tad-doveri tar-rikorrenti aggravju aktar serju. U jikkostitwixxi, ghal darb'ohra, ksur dirett tal-kuntratt tal-impjieg da parti ta' Ms Amato Gauci.

5.3.4 <u>ma accettatx illi tkun ikkoreguta</u>;

Filwaqt illi t-Tribunal sab xiehda qawwija li Ms Amato Gauci ma accettatx illi tkun ikkoreguta rigward l-attitudni taghha, ma sabx xiehda sufficjenti li hija kienet ikkoreguta dwar ir-rifjut taghha li taqdi dmirijiet specifici u li minkejja tali korrezzjoni r-rikorrenti webbset rasha, ghajr dik f'4.1.1 (c). Ghaldaqstant dil-akkuza hija ttrattata f'5.3.8 fis-sens illi li tadotta attitudni kostruttiva kien wiehed mid-doveri ta' Ms Amato Gauci.

5.3.5 <u>ma gabitx ruhha b'mod professjonali</u>

It-Tribunal ma nghata l-ebda hjiel illi r-rikorrenti kienet membru ta' xi korp professjonali, u wisq anqas ma nghata xi kodici ta' korp professjonali li Ms Amato Gauci setghet kisret.

Klawsola 8b tal-kuntratt tal-impjieg tezigi li, "*All services to which this Agreement applies shall be performed diligently, competently and to a high standard of professional competence and shall be suitable for the purposes specified in this Agreement*."

It-Tribunal mela jifhem illi s-socjeta` ntimata kienet qed tirreferi ghal "*professional competence*".

Rigward 4.4.1, din hija xiehda ta' nuqqas ta' professjonalita` fl-agir, liema xiehda hija accettata mit-Tribunal peress illi inghatat minn persuna li saret taf lir-rikorrenti fl-ahhar sena tal-impjieg taghha u ghalhekk l-*assessment* tieghu tat-temperament ta' Ms Amato Gauci fuq il-post tax-xoghol jitfa' dawl rilevanti fuq l-agir tar-rikorrenti fl-ahhar xhur tal-impjieg taghha.

It-tesimonjanza f'4.4.3 hija konferma ta' nuqqas ta' professjonalita' min-naha ta' Ms Amato Gauci.

Ix-xiehda murija f'4.4.2 hija wkoll xiehda ta' nuqqas ta' professjonalita` min-naha tar-rikorrenti; pero` l-ittra tat-terminazzjoni tghid illi l-problemi nqalghu fl-ahhar xhur tal-impjieg, mentri dix-xiehda tirreferi ghal, "jumejn wara (l-interview li kellha Ms Amato Gauci rigward ir-rekrutagg taghha mas-socjeta`)", u ghalhekk it-Tribunal jinjora dix-xiehda.

5.3.6 <u>ma zammitx relazzjoni armonjuza</u>

Klawsola 3d tal-kuntratt tal-impjieg jistipula li, "The Employee shall at all times …, maintain a harmonious liaison with EMD's and any Associated Person's partners, directors, staff, representatives, clients and business associates …." Il-fatt illi l-kuntratt tal-impjieg ghamilha cara li r-relazzjoni ta' Ms Amato Gauci ma' kull min kien ikollha x'taqsam fuq ix-xoghol minhabba l-pozizzjoni taghha kellha tkun wahda ta' armonija jirrendi kull nuqqas min-naha tar-rikorrenti f'dar-rigward aktar serju peress illi jkun ksur dirett tal-kuntratt.

5.3.6.1 <u>mas-superjuri</u>,

Dil-akkuza hija ppruvata fit-testimonjanza minn 4.5.1 sa 4.5.8.

Rigward 4.5.1, ghalkemm isibha stramba kif fit-twegiba tieghu l-*Partner* ma kkupjax lir-rikorrenti awtomatikament stante li t-twegiba tieghu kienet permezz ta' *email* ghal dik tar-rikorrenti, ghat-Tribunal dan l-ezempju ma jikkostitwix prova ta' "*conspiracy*" (kif Ms Amato Gauci tirreferi ghaliha) kontra r-rikorrenti.

Fl-affidavit taghha Ms Dimitrova xehdet illi, "*Another time she reported me to two partners, claiming that I was wearing jeans to the office, which is also contrary to office policy. … The partner who was there on the day did not react more than much as he could see that it was not true. The following day, however, I was called by another partner who told me that he cannot say if I had worn jeans or not but that if I had I should not do it again. … I once again*

*reiterate the massive waste of time all these hassles which she used to cause … involved.*" Dix-xiehda turi wkoll lit-Tribunal illi altru minn *conspiracy*, il-*Partners* kienu jissupportjaw lil Ms Amato Gauci fiz-zamma tad-dixxiplina.

Dwar 4.5.2 it-Tribunal ma jittollerax li mpjegata tkun mistennija tilghabha tal-injoranta u ma tesprimix ruhha. Izda hemm mod kif impjegata, specjalment *Administration Manager*, tirreagixxi b'diplomazija, b'dinjita`, u bil-qies, specjalment versu superjur taghha. Il-post illi kienet qed tokkupa r-rikorrenti kien jirrikjedi t-tali kwalitajiet. Is-Sur Pace Debono ta deskrizzjoni tal-post taghha, u cioe`, "Ir-rwol taghha kien *pivotal* fl-ufficcju. Jigifieri bhala *Administration Manager* hi kellha x'taqsam mad-dipartimenti kollha tal-ufficcju, mal-*partners* kollha, mad-diretturi kollha, kellha nies jirrapurtaw direttament lilha, u kienet tinterektja ma' kulhadd bazikament. Dak ir-rwol huwa krucjali ghall-kumpanija. Ovvjament il-*performance* u l-*lack of* taghha u l-agir u l-*behaviour* taghha kienu *conducive* li tinholoq atmosfera negattiva, li x-xoghol ma jsirx sew." (pagna 15 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2011)

Ir-rikorrenti ma cahditx illi kellha problema ta' intemperanza fir-relazzjoni taghha mas-superjuri taghha. Kienet tiggustifikaha ghall-i*stress* u rabja illi xehdet illi kien ikollha – gustifikazzjoni li t-Tribunal ma jaccettax.

5.3.6.2 <u>mal-i*staff*,</u>

Hija ddefendiet ruhha billi qalet illi kellha zzomm dixxiplina fuq il-hinijiet tax-xoghol (fi xhin l-impjegati johorgu) u dwar proceduri ta' *medical certificates.* Xehdet illi z-zamma tad-dixxiplina kienet parti mir-rwol taghha u dan kien mistenni minnha mis-superjuri taghha. "Jekk jiena qed nipprova nwettaq li jridu huma bhala dixxiplina fl-ufficcju ovvjament m'inix ser nirbah *popularity contest* …." (pagna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011)

Allahares biex tinzamm dixxiplina fuq post tax-xoghol ikun hemm l-animozita` li t-testimonjanza li tidher hawn taht turi li kien hemm fl-EMDASL.

Pagna 25 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011 turi lill-Avukat Vella ssaqsi lil Ms Amato Gauci, "Naqblu li kien hemm hafna impjegati li kienu qed jibku kuljum minhabba l-attitudni tieghek maghhom?" It-twegiba tar-rikorrenti kienet, "Kien hemm *isolated* ehe, imma per kazu jekk jien icempilli wiehed mid-Diretturi … u jghidli isma' l-bierah innutajt li t-talija hames minuti qabel il-hamsa w nofs kienet isfel … tistenna l-hamsa w nofs biex titlaq barra, kellimha jekk joghgbok, u jiena mort inkellimha; ovvjament ser tiehu ghaliha, jista' jkun. …" Imma d-Direttur ma qalilhiex biex tbikkiha; qalilha biex tkellimha!

It-testimonjanza murija minn 4.5.12 sa 4.5.20 tkompli tikkonferma li l-akkuza li Ms Amato Gauci ma zammetx relazzjoni armonjuza mal-istaff kienet gustifikata.

5.3.6.3 <u>ma' ghadd ta' klijenti,</u>

Ix-xiehda minn 4.5.21 sa 4.5.23 hija prova li r-rikorrenti ma zammitx relazzjoni armonjuza ma' ghadd ta' klijenti.

Ms Amato Gauci xehdet illi l-EMDASL, " Allegaw … Qalu li kont *rude* ma' xi klijenti. Fil-qadi ta' dmirijieti kelli wkoll naghmel xi *debt collection*, jigifier nimmagina fil-bidu tibda naqra *soft* biex jibghatulek *cheque* u jibdew ihallsu u mbaghad meta jweghduk gimgha wara gimgha wara gimgha t-ton nahseb jinbidel ftit. …" (pagna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011)

Allahares il-*Credit Controllers* kellhom jadottaw dil-attitudni! Ghandhom xoghol iebes, antipatiku, u provokanti. Izda hawn hu l-punt kollu – kif tilqa' ghall-kuntrarjeta`; u dan illi r-rikorrenti donnha ma setghetx tifhem u taccetta.

5.3.6.4 u <u>ma ghadd ta' fornituri</u>;

L-akkuza li Ms Amato Gauci ma zammitx relazzjoni armonjuza ma' ghadd ta' fornituri hija gustifikata mix-xiehda li tidher minn 4.5.24 sa 4.5.26.

5.3.7 <u>ghamlet xoghol illi bih is-sidien ma kenux sodisfatti</u>;

Xiehda ta' dan hija moghtija minn 4.6.1 sa 4.6.6.

Klawsola 4b tal-kuntratt tal-impjieg illi dahlet ghalih Ms Amato Gauci eziga li hi tipprovdi servizz ta' kwalita` superjuri, "The Employee undertakes in favour of EMD to … provide professional, superior and up-to-date services." Is-socjeta` tat xiehda bizzejjed biex tikkonvinci lit-Tribunal illi dil-Klawsola tal-kuntratt inkisret mir-rikorrenti aktar minn darba.

5.3.8 <u>saru ghadd ta' laqghat dixxiplinarji li fihom Ms Amato Gauci twissiet verbalment li l-agir taghha kien intollerabbli u li t-twettiq ta' xogholha kien jenhtieg illi jitjieb sostanzjalment</u>

Fost ix-xiehda rilevanti nsibu dik f'4.7.1, minn 4.7.2.1 sa 4.7.2.3, 4.7.3.1, 4.7.3.2, u minn 4.7.4 sa 4.7.6.

Rigward 4.7.2.2: Jigifieri r-rikorrenti ftakret is-suggett tal-laqgha, li kien dwar karatteristici personali tal-agir taghha, izda ma ftakretx ir-rizultat tal-laqgha. It-Tribunal isibha stranba din! U meta Dr Vella saqsietha, "Naqblu li ghedtilhom, '*If you want me to leave, I will leave*,' tant kienet serja?" Ms Amato Gauci wiegbet, " Ma jidhirlix, ma jidhirlix. Ma nafx, ma jidhirlix. *I don't recall*, serjament." (pagna 18 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011) Izda r-rikorrenti ma cahditx!

Fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2012 Ms Amato Gauci xehdet illi, "nikkonferma li s-Sur Balzan qatt ma qalli xejn." (pagna 10 tat-traskrizzjoni)

It-Tribunal huwa konvint illi saru laqghat mit-Top u Senior Management tas-socjeta` ma' Ms Amato Gauci li fihom hija twissiet illi l-agir taghha kien intollerabbli u li t-twettiq ta' xogholha kien jehtieg illi jitjieb sostanzjalment.

It-Tribunal huwa konvint illi Ms Amato Gauci kienet taf illi s-sitwazzjoni kienet serja. Tant illi fl-iskambju ta' *sms's* tal-31 ta' Awissu 2010 bejnha u s-Sur Balzan, ghall-messagg tas-Sur Balzan, "… *Let me know if any warnings were given to you*," ir-rikorrenti wegbitu, "*No*

*warnings but … I guess I've now some serious thinking to do with regard (to) my position at EMD and the future … He* (Dr Mifsud) *will have to dismiss me himself! If I leave, I'll be the one to decide to do so and in my own good time. I think I'll resist and not allow him to do that for* (sic) *me; at least not for now*." U, "*And of course, not because I didn't deserve it (a warning) but because he's still 100% convinced, I am the one in the wrong*! …" (AFF 37A – messagg tar-rikorrenti lis-Sur Balzan datat 2 ta' Settembru)

Klawsola 3 (d) tal-kuntratt tal-impjieg jezigi li, "*The Employee shall … observe all rules and regulations applicable to her place of work …*". Izda bhalma r-rikorrenti kienet obbligata li thares tali "*rules and regulations*" daqshekk iehor huwa obbligat illi jaghmel l-*employer*.

L-*Office Manual* fl-artiklu 23 jistipula li, "*Should an employee's work not be to the satisfaction of the Firm, the employee's attention shall be drawn to this matter by means of a written warning. … Prior to taking any disciplinary action against an employee, a disciplinary hearing shall be held. … After a decision has been taken, a copy of the decision shall be given to the employee concerned. … Should an employee breach any of the provisions of this Manual or any other instruction or directive given by her superiors or by the Firm, the Firm shall issue a written warning to such employee outlining the default and cautioning the employee not to repeat such breach."*

Is-socjeta`, fir-rigward ta' procedura dixxiplinarja, ma mxietx mal-*Office Manual*.

Twissijiet verbali mhumiex sufficjenti biex jiggustifikaw tkeccija. Huwa misteru ghat-Tribunal kif it-twissijiet baqghu verbali. Ix-xiehda pprezentata mis-socjeta` hija konvincenti dwar il-gravita` tal-agir tar-rikorrenti izda l-procedura trid tigi mharsa, u dan biex issir gustizzja ma' Ms Amato Gauci. Fin-nuqqas ta' twissijiet bil-miktub ir-rikorrenti setghet ikkalkolat illi ghalkemm l-EMDASL kien qed ikollha dizappunti bl-agir ta' Ms Amato Gauci s-sitwazzjoni kienet ghadha ma ggravatx talment illi l-impjieg tar-rikorrenti kien mhedded. Din il-possibilita` ghandha tmur a favur ta' Ms Amato Gauci.

5.3.9 <u>(Ir-rikorrenti) ghamlet sinjali psataz lejn superjur taghha</u>

5.3.9.1 <u>hamest ijiem qabel it-tkeccija</u>,

Ix-xiehda rilevanti hija dik murija f'4.8.1.

Ma jirrizultax mill-atti li d-data meta Ms Amato Gauci ghamlet sinjal pastaz kienet dik tat-8 ta' Ottubru 2010. Skond Dr Vella (pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011) l-incident sar jumejn, u cioe` nhar il-11 ta' Ottubru 2010, u mhux hamest ijiem qabel it-tkeccija. Ghat-Tribunal dil-imprecizazzjoni ma tnaqqas xejn mill-awtenticita` w mill-gravita` tal-incident.

5.3.9.2 <u>u lejlet it-tkeccija</u>

Ix-xiehda rilevanti hija dik murija f'4.8.2

Dwar 4.8.2: Minkejja li xiehda ohra tas-socjeta` nterpretaw il-mossa ta' Ms Amato Gauci bhala wahda pastaza, il-fatt illi wiehed mix-xhieda ta' EMDASL li kien prezenti (is-Sur Balzan) nterpretaha bhala sinjal illi r-rikorrenti kienet se titlaq minn fuq il-post tax-xoghol, jikkonvinci lit-Tribunal illi l-beneficcju tad-dubju jmur favur ir-rikorrenti, u ghalhekk it-Tribunal ma jikkunsidrax dan l-incident partikolari bhala wahda mir-ragunijiet validi ghat-tkeccija.

5.3.10 <u>telqet minn fuq ix-xoghol minghajr ma gharrfet lis-superjuri taghha.</u>

Ix-xiehda rilevanti hija dik murija minn 4.9.1 sa 4.9.6.

F'4.9.5 Dr Debono xehed illi fl-assenza ta', jew ghax ma kienx facli li r-rikorrenti tikkuntattja lill-Partners/Diretturi, Ms Amato Gauci setghet gharrfet lill-*HR Manager*. F'4.9.1 l-*HR Manager* xehed illi r-rikorrenti qaltlu li kienet qed thalli l-ufficcju, avolja l-mod ta' kif qaltlu ma kienx strettament skond l-arrangament illi huwa stipulat f'8.3 tal-Office Manual, li jezigi li l-impjegat kellu jiehu awtorizzazzjoni bil-miktub qabel jitlaq mill-post tax-xoghol waqt is-sighat tax-xoghol.

Rigward 4.9.6, kienet Ms Amato Gauci li semmiet dal-incident. EMDASL ma ghamletx riferenza ghalih. Dal-fatt ikkonvinca lit-Tribunal li l-akkuza 5.3.10 irreferiet biss ghall-incident tat-12 ta' Ottubru 2010. Ghalhekk 4.9.6 bl-ebda mod ma tincidi fuq it-tkeccija.

Certament, it-Tribunal ma jaccettax l-allegazzjoni tal-EMDASL illi Ms Amato Gauci telqet minn fuq ix-xoghol minghajr ma gharrfet lis-superjuri taghha, u dan ghaliex ghal wiehed mis-superjuri taghha, Dr Debono, li tgharraf lill-HR Manager li kienet qed thalli l-ufficcju kienet bizzejjed biex tissodisfa l-obbligu li kellha.

It-Tribunal ma jaccettax dil-akkuza (5.3.10) bhala raguni valida ghat-tkeccija.

5.4. Johrog car mit-testimonjanzi li fuq ix-xoghol Ms Amato Gauci kellha temperament esplussiv. L-Avukat stess tar-rikorrenti, fit-trattazzjoni finali tieghu jistqarr illi, "Kariga bhal dik (*Administration Manager*) ma tistax taffordja li jkollok persuna tokkupa dak ir-*role*, xi personalita` difettuza."

Ms Amato Gauci kellha nuqqas ta' *emotional intelligence*. Ma kellhiex kontroll fuq l-emozjonijiet taghha. Doza qawwija ta' dil-kapacita` hija essenzjali ghal *management* effettiv. Il-kariga tar-rikorrenti, li tirrikjedi relazzjonijiet interpersonali fuq diversi livelli, ma tistax tkun moqdija minghajr tali kwalita`.

5.5. Ms Amato Gauci '*lost her troops*'. U minghajr 'troops' ma satax ikollha b'min tahdem. Ghall-*employer*, Manager li titlef ir-rispett, u l-istima tal-impjegati fdati lilha, titlef l-awtorevolezza u kwindi l-effikacja taghha; u ghalhekk ma jkunx gustifikat illi jzommha izjed f'dik il-kariga. Il-kapacita` hija li twiddeb u zzomm id-dixxiplina waqt illi tirbah ir-rispett tal-impjegati li inti responsabbli taghhom. Hemm tidhol il-kompetenza, u r-rikorrenti dahlet f'kuntratt illi jezigi l-professjonalita` minnha!

5.6 It-Tribunal mhux konvint illi l-istat emozzjonali ta' Ms Amato Gauci fuq ix-xoghol kien ikkagunat mill-EMDASL.

Fl-affidavit taghha Ms Vanessa Bonnici xehdet illi, "Fl-ahhar xhur tal-impjieg taghha kellha xi problemi emottivi kkawzati mill-fatt illi hafna xhur qabel wiehed mill-qtates taghha kien sparixxa. Hija ffissat bil-kbir fuq dan il-fatt u kienet taghmel sighat titkellem fuq dan il-qattus. … Minn dak iz-zmien bdiet sejra lura." Is-Sur Balzan ikkonferma dan kif jidher fix-xiehda tieghu f'4.6.1 sa 4.6.3.

Oltre dan, *SMS* minghand Ms Amato Gauci lis-Sur Balzan, datat 2 ta' Ottubru 2009 (dok. 37B) ighid, " … *can't afford much (cheer) which doesn't help. Think I told you that with the end of month along comes depression – I wasn't joking …*"

Fl-i*statement of case* taghha r-rikorrenti qalet illi, "Fil-gimghat ta' ftit qabel ma gie terminat l-impjieg tieghi, kont taht *stress* iktar mis-soltu fuq ix-xoghol u dan kien qed jikkawzali xi problemi ta' sahha." Ms Amato Gauci pprezentat lit-Tribunal Dok. AFF 29 fejn it-tabib taghha ccertifika[5] li hija kienet qed issofri minn, "*repeated headaches, mood swings, and sleepless nights for the past month*". Pero` hija ma pprezentatx certifikat mediku lill-EAMSL rigward il-kundizzjoni ta' sahhitha. Fil-fatt ghall-mistoqsija tat-Tribunal, "Rigward ic-certifikat mediku illi pprezentat ir-rikorrenti kien hemm xi certifikati ohra *regarding stress*?" l-Avukat Farrugia wiegeb, "*No* …" (pagna 9 tat-traskrizzjoni as-seduta tas-16 ta' Novembru 2017). F'pagna 5 tan-nota ta' sottomissjonijiet L-Avukat Farrugia nnota li, "Dac-certifikat ingieb a konjizzjoni tas-socjeta` permezz ta' *email* mibghut mill-esponenti lil Stephen Balzan gurnata qabel l-ittra ta' temm ta' mpjieg." Izda l-*email* ma qaletx x'kiteb it-tabib, u cioe` il-kontenut ta' AFF 29, u ghalhekk il-EMDASL ma setghetx tkun taf minn x'hiex kienet ghaddejja medikament Ms Amato Gauci. U ghaliex ir-rikorrenti ma pprovdietx lis-socjeta` certifikat mediku jekk kienet qed issofri ghal xahar shih minn dak illi ccertifika t-tabib taghha? Specjalment meta Ms Amato Gauci kellha kuntratt tal-impjieg illi jghid, "*The Employee must always present herself at work with the right frame of mind and have sufficient drive, enthusiasm and energy to fulfil her duties diligently and efficiently ….*" (klawsola 7c)

Ic-certifikat tat-tabib ta' Ms Amato Gauci, Dr Michael Gonzi, ighid illi Ms Amato Gauci kienet qed tbati minn *acute stress* u minn osservazzjonijiet tal-istess tabib dan kien ikkawzat minn problemi fuq ix-xoghol. Izda t-tabib ma stabbilixxiex, u lanqas seta` jistabilixxi, min kien qed jikkawza l-problemi fuq il-post tax-xoghol. It-tabib kellu joqghod fuq dak illi tghidlu Ms Amato Gauci!

---

[5] Dic-certifikazzjoni saret permezz ta' certifikat mediku li sakemm tkecciet Ms Amato Gauci ma kienx wasal ghand EMDASL (pagna 23 tat-traskrizzjoni tas-seduta tad-19 ta' Gunju 2013). It-traskrizzjoni tax-xiehda tat-tabib kuranti tar-rikorrenti, jekk tali traskrizzjoni qatt saret, ma tinsabx fl-atti.

5.7 Ir-rikorrenti xehdet illi l-affidavits li ghamlu Ms Bonnici, Borg, Dimitrova, Scott, u Stephenson kienu, "*mensogne*" ghax, "qeghdin under their (EMDASL) employ", avolja hija stess ammettiet illi Ms Stephenson, "ma ghadhiex impjegata maghhom"[6]. Dan ma kkonvinciex lit-Tribunal peress illi Ms Amato Gauci ma ghajtet lil ebda wahda minn dawk illi ghamlu l-*affidavits* biex tikkonfronthom.

Aktar minn hekk, fit-trattazzjoni finali fil-qosor tar-rikorrenti, l-Avukat Farrugia huwa tal-opinjoni li l-awturi tal-affidavits "ma kenux indipendenti; mhux persuni bhal Dr Noel Buttigieg Scicluna, li kien jahdem bieb ma' bieb mal-klijenta tieghu. Setghu jintghazlu nies ohrajn li ma kellhomx konfronti mal-klijenta tieghu." (pagna 27 tat-traskrizzjoni). Xejn ma zamm lir-rikorrenti milli jtalla' lil Dr Buttigieg Scicluna xhud. Meta Ms Amato Gauci pprezentat id-Dikjarazzjoni tal-Kaz, l-ittra tas-26 ta' Jannar 2011 iffirmata mill-Avukat Farrugia u ndirizzata lis-Segretarju tat-Tribunal, ghamlet "riserva ghall-produzzjoni ta' kull xhud jew prova ohra li tirrizulta mehtiega skond l-evolviment tal-kaz." Madankollu r-rikorrenti ghazlet illi ma ttella' lil hadd minn-"nies … li ma kellhomx konfronti (maghha)".

5.8 It-Tribunal ma jistax jonqos milli jirrimarka illi post tax-xoghol san ma jitkejjilx biss mill-produzzjoni u mill-profitti li l-kumpanija taghmel imma jitkejjel ukoll mill-kuntentizza u l-benessere tal-impjegati. Li jkollok impjegata wahda li ttellef il-kuntentizza ta' impjegati ohra hija sitwazzjoni li ma ghandhiex tkun tollerata.

Bhalma min ihaddem ma ghandux ikecci mpjegat ingustament daqshekk iehor l-impjegat ghandu jghozz u jibza' ghall-impjieg. Ir-rispett, il-jeddijiet u d-doveri ghandhom ikunu reciprokati bejn min ihaddem u l-impjegat.

5.9 Ir-riassunt ta' dal-kunsiderazzjonijiet (5.1 sa 5.8):

5.9.1 it-Tribunal huwa sodisfatt li r-ragunijiet tat-tkeccija 5.3.1, 5.3.2, 5.3.3, 5.3.5, 5.3.6 sa 5.3.6.4, 5.3.7, u 5.3.9.2 kienu validi u ppruvati; ir-ragunijiet tat-tkeccija 5.3.4, 5.3.8, 5.3.9.2, u 5.3.10, kif ukoll is-sommarjeta` tat-tkeccija ma kenux validi u t-Tribunal ma sabx illi l-provi kienu sufficjenti.

5.9.2 Ir-rikorrenti nghatat intendimenti minn *Partner* partikolari, is-Sur Balzan, li kienu jmorru kontra d-direzzjoni tal-*Partners/Diretturi* l-ohra. Huwa minnu li l-*smses* li jinsabu fl-atti li juru li s-Sur Balzan kien jissimpatizza ma' Ms Amato Gauci huma maghzula mir-rikorrenti izda s-socjeta` ma cahdithomx.

Dan ma kienx *fair* fuq Ms Amato Gauci, il-ghaliex b'hekk inholoq konflitt go fiha u cioe` li l-imgieba taghha kienet, skond is-Sur Balzan, korretta. Ezempju ta' dan jinsab f'pagna 24 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011 ir-rikorrenti xehdet illi, "Ghandi *text message* minghand wiehed mid-diretturi jistaqsini, '*Did Pierre and Malcolm come and speak to you?*

[6] Pagna 30 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-30 ta' Novembru 2012

*Because I objected. If it is a warning it doesn't count because it doesn't come from all the partners.'"*

In-nuqqasijiet tar-rikorrenti kienu gravissimi izda s-socjeta` ntimata ma mxietx korrettament fil-procedura dixxiplinarja. Ma gie pprovdut lit-Tribunal l-ebda dokument indirizzat lil Ms Amato Gauci li fih kien hemm twissija inekwivoka lir-rikorrenti li jekk tippersisti bl-imgieba zbaljata titlef l-impjieg.

5.9.3 it-Tribunal sab illi Ms Amato Gauci kkontribwiet gravament ghat-tkeccija; dan jirrizulta primarjament minn 5.4, 5.5, 5.6, u 5.7.

6. **Sentenza**

6.1 L-Artiklu 81. (2) (*a*) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jenuncja li, " … t-Tribunal ghandu jaghti sentenza ta' kumpens … Izda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem … kif ukoll cirkostanzi ohra, inkluzi l-eta` u s-snajja tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-haddiem".

6.2 Fl-affidavit taghha tal-25 ta' Settembru 2012 Ms Amato Gauci xehdet illi, "Jiena fiz-zmien tat-tkeccija tieghi kont nircievi medja ta' €1,650 fix-xahar. Kelli wkoll *allowance* ta' € 2,300 ghall-uzu tal-vettura tieghi." Did-dikjarazzjoni ma gietx ikkontestata mill-EMDASL u ghalhekk it-Tribunal jaccettaha biex jibni l-kumpens fuqha.

"Id-danni reali u telfien" li batiet ir-rikorrenti huma massimu ta' € 53,104[7]. Dan huwa bbazat fuq id-direzzjoni ta' Ms Amato Gauci (permezz tal-Avukat taghha) skond pagna 22 tat-traskrizzjoni tas-seduta taz-17 ta' Mejju 2018 u cioe`, "Li huwa fattur rilevanti huwa kemm jirrizulta lit-Tribunal bl-ahjar provi possibbli illi damet Ms Amato Gauci minghajr impjieg." It-Tribunal iqis illi l-unika prova li nghata hija r-*Registration History* tar-rikorrenti. Ir-*Registration History* tar-rikorrenti mahruga mill-Employment & Training Corporation (il-Jobsplus tal-lum) fil-4 ta' Ottubru 2013 turi li l-ahhar data li fiha r-rikorrenti rregistrat ghax-xoghol kienet dik tat-12 ta' Frar 2013.

6.3 "Ic-cirkostanzi ohra" huma:

---

[7] **2010**: 2.6 xhur: salarju baziku: €1650 x 2.60 = €4290; *allowance*: €2300/12 = €191.70 x 2.6 = 498.3; *weekly allowance* statutorja: €4.66 x 11 = €51.3; bonus statutorju: €0.74 x 79 jum = €58.46; b'kollox: **€4898.06**;
**2011**: salarju baziku: €1650 x 12 = €19800; *allowance*: €2300; COLA: €3.60 x 52 = €187.20; *weekly allowance* statutorja: €242.32; bonus statutorju: €270.20; b'kollox: **€22799.72**;
**2012**: salarju baziku: €1650 x 12 = €19800; *allowance*: €2300; COLA: €1.70 x 52 = €88.40; *weekly allowance* statutorja: €242.32; bonus statutorju: €270.20; b'kollox: **€22700.92**;
**2013**: 6.2 gimghat: salarju baziku: [(€1650 x 12)/52] x 6.2 = €2360.77; *allowance*: (2300/52) x 6.2 = €274.23; COLA: €1.50 x 6.2 = €9.30; *weekly allowance* statutorja: €4.66 x 6.2 = €28.89; bonus statutorju: €0.74 x 43 jum = €31.82; b'kollox: **€2705.01**;
**Total**: €4898.06 + €22799.72 + €22700.92 + €2705.01 = **€53,104**.

6.3.1 Il-kontenut ta' 5.9.3;

6.3.2 l-eta' tar-rikorrenti u l-hiliet taghha - meta tkecciet, ir-rikorrenti kellha hamsin sena (id-data tat-twelid f'Dok. JS1). Filwaqt illi t-Tribunal jifhem illi *prima facie* tali eta` tista` toffri sfida pero` l-maturita`, l-esperjenza, u l-kapacita` ta' Ms Amato Gauci setghet tkun idonea ghal postijiet bhal dawk ta' *Executive Secretary* u *Administrative/Office Manager* – kieku kellha tikkontrolla l-emozzjonijiet taghha, tempatizza ma' kull min tirrelata fuq ix-xoghol u taccetta d-differenza fir-rwoli ta' *employer* u impjegata! Fil-fatt, ta' 55 sena (Dok. JS1) hija kellha zewg impjiegi fl-istess hin – wiehed *fulltime* u muri fid-Dok. JS1, u l-iehor zvelat mill-EMASDL u kkonfermat minn Ms Amato Gauci fis-seduta tat-8 ta' Frar 2018 (pagna 2 tat-traskrizzjoni);

Barra minn dan, jista' jkun hemm ragunijiet varji ghaliex persuna ma ssibx xoghol. Per ezempju *employer* prospettiv normalment jifli l-*employment history* ta' min japplika biex jimpjega ruhu mieghu/maghha. Minn tali *history* josserva li (fil-kaz odjern) ir-rikorrenti kellha tlettax il-impjieg, inkluz ingagg wiehed bhala *self-employed,* f'medda ta' 33 sena ta' hajja lavorattiva u li bhala medja bilkemm ghamlet sentejn u xahrejn ma' kull *employer*[8]. Dan jista' jnaffar lil *employer*;

6.3.3 id-dokument tal-Jobsplus (Dok. Jobs+1) juri stanzi meta r-rikorrenti ghamlet zmien minghajr impjieg meta mxiet minn impjieg ghal iehor. Din l-osservazzjoni ghamlitha l-EMDASL (pagna 12 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-17 ta' Mejju 2018). Ir-rikorrenti ma ghamlet l-ebda reazzjoni ghal dil-osservazzjoni;

6.3.4 Ms Amato Gauci ma gabet l-ebda prova li hija fittxet attivament impjieg jew illi ppruvat taghmel xoghol bi qligh bhala *self-employed* , wara t-tkeccija;

6.3.5 it-tul ta' servizz illi r-rikorrenti tat lis-socjeta` ntimata – Ms Amato Gauci tat kwazi sentejn u tlett xhur lis-socjeta` ntimata. It-tul ta' servizz huwa cirkustanza rilevanti hafna fl-istima tal-kumpens. Hemm differenza fl-obbligu morali li *employer* igorr; altru kaz ta' mpjegata b'hafna snin ta' servizz u altru ta' mpjegata b'servizz ta' ftit aktar minn sentejn;

6.3.6 ir-rikorrenti ma bezghetx ghall-impjieg illi kellha mal-EMDASL; fost ir-ragunijiet tat-tkeccija hija kisret il-kuntratt tal-impjieg fir-ragunijiet 5.3.1, 5.3.5, 5.3.6, 5.3.7, u 5.6;

6.3.7 Ms Amato Gauci ma tatx kaz tal-facilita` li s-socjeta` ntimata taghtha permezz ta' Sezzjoni 25 tal-*Office Manual* biex tirrikorri lejn is-superjuri taghha b'mod civili w dekoruz ghall-ghajnuna jekk hija kellha diffikultajiet fuq ix-xoghol; dis-Sezzjoni toffri li, "*Should any employee … feel the need to lodge a complaint with the Firm in respect of any matter which such employee … considers should be brought to the attention of the Firm, she shall make such*

[8] Skond is-sekwenza tax-xoghlijiet murija fid-Dok. JS1iz-zmien illi ghamlet fihom kienu rispettivament 9 xhur, 16-il xahar, 8 xhur, 5 xhur, 12-il sena, 3 xhur, sena, 10 xhur, 3 snin u 7 xhur, gimghatejn, 5 snin u 9 xhur, 3 xhur, u sentejn u 3 xhur. Dawn igibu 1511.9 gimghat; divizi bi 13 jigu 2.2 snin.

*complaint in writing and submit it to the senior management or, … to any partner or director ….";* ir-rikorrenti ghazlet it-triq tal-konfrontazzjoni mal-*employer* taghha,

6.3.8 il-kredibilita` taghha hija mittiefsa; fix-xiehda taghha stess tat-8 ta' Frar 2018 (pagni 1, u 2 tat-traskrizzjoni) ipprezentat Dok. Jobs+1 bhala prova tal-i*status* ta' mpjieg taghha waqt is-smigh minn dat-Tribunal; id-dokument kien qed juri li r-rikorrenti kellha mpjieg wiehed; ghall-mistoqsija tal-Avv. Briffa (nee` Vella), "Naqblu li minbarra dax-xoghol ghandek xoghol iehor? …" hija wiegbet, "Le ma naqblux"; imbaghad meta l-Avukat nsistiet issaqsiha kellhiex xoghol *part-time* mal-*Malta Conference Centre* wiegbet iva; jigifieri Ms Amato Gauci pprezentat dokument illi kienet taf illi ma jirriflettix is-sitwazzjoni tal-impjiegi taghha ghax kien hemm impjieg nieqes;

Il-memorja tar-rikorrenti hija selettiva. Filwaqt illi Direttur/Partner, u *Manager* illi kienu prezenti ghall-laqgha ta' Awissu 2010 xehdu li Ms Amato Gauci qaltilhom illi jekk riduha titlaq mill-impjieg hija titlaq, skond it-traskrizzjoni tas-seduta tat-2 ta' Frar 2011 Ms Amato Gauci, ghall-mistoqsija tal-Avv. Vella, "Naqblu li ghedtilhom, '*If you want me to leave, I will leave*,' tant kienet serja?" Ir-rikorrenti wiegbet, "Ma jidhirlix, ma jidhirlix. Ma nafx, ma jidhirlix. *I don't recall*, serjament." Dikjarazzjoni bhal, "*If you want me to leave I will leave*" iggorr riperkussjoni enormi, peress illi tfisser illi r-rikorrenti kienet lesta tirrizenja, u ma tinteshiex kif gieb u lahaq! Ma cahdithiex!

u

6.3.9 L-animozita` li holqot ir-rikorrenti huwa aspett ta' sahha w sigurta` fuq il-post tax-xoghol illi ghalih huwa responsabbli l-*employer*, li hu obbligat bil-ligi[9] li jihu passi kontra min ikun qed jikkaguna tali tensjoni fuq il-post tax-xoghol.

6.4 It-Tribunal fela l-atti, studja x-xiehda kif tirrizulta mit-traskrizzjonijiet tas-seduti, evalwa s-sottomissjonijiet orali illi sarulu, ghamel il-kunsiderazzjonijiet tieghu u ghamel apprezzament tad-danni reali u telfien illi batiet ir-rikorrenti kif ukoll tac-cirkustanzi li jincidu fuq tali danni w telfien. Fl-assjem ta' dan kollu jaqta' w jiddeciedi li t-tkeccija kienet ingusta u li l-ammont tal-kumpens ikun ta' tmienja u ghoxrin elf, hames mija, u sitta u hamsin Ewro (€ 28,556) li l-EMDASL ghandha thallas lil Ms Amato Gauci mhux aktar tard mit-30 ta' April 2019. Mill-ammont imsemmi ghandu jitnaqqas kull *allowance*, assistenza, beneficcju, u pensjoni kif provduti fil-Kapitlu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 tal-Ligijiet ta' Malta id-drittijiet tad-difensuri tal-Partijiet qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta w disghin Ewro u sbatax il centezmu kull wiehed u dawn ghandhom jithallsu mill-EMDASL.

[9] Occupational Health And Safety Authority Act

Għall-iskopijiet tal-Artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta t-Tribunal jiddikjara li dal-Każ ma satax jiġi deċiż fi żmien qasir, u dan minħabba l-istorja tal-proċess kif indikat f'1 (Sfond tal-Mixja tal-Proċess tal-Każ), differimenti, u raġunijiet amministrattivi.

B'hekk tintemm dil-Kwistjoni tax-Xogħol.

**(iffirmata)**

Is-Sur Joseph Delia

*Chairman*

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Għas-Segretarju